# QORTI TAL-APPELL

## IMHALLFIN

**S. T. O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 12 ta' Frar 2016**

**Numru 16**

**Rikors Numru 736/14 JRM**

**Tabib Dottor Daniel Grixti Soler, Tabib Dottor Mario Refalo, Tabiba Dottor Tania Cardona, Tabib Dottor Andrew Farrugia Wismayer, Tabib Dottor Ryan Grech, Tabiba Dottor Veronica Aquilina, Tabiba Dottor Muhaiyo Bartolo Khodjayeva u Tabiba Dottor Yanika Vella**

**v.**

**Kummissjoni Dwar is-Servizz Pubbliku; Ministru ghall-Energija u Sahha; Direttur Generali ghad-Dipartiment ghas-Servizzi tas-Sahha; Direttur (Prattiki tar-Rizorsi Umani (Sahha) ghas-Segretarju Permanenti ghall-Ministeru għall-Energija u Sahha; Segretarju Principali Permanenti; u Segretarja tal-Kabinett**

## <u>Preliminari</u>

1. Dan huwa appell maghmul mill-atturi minn sentenza [is-sentenza appellata] moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-10 ta' April 2015, li

permezz taghha dik il-Qorti qatghet u iddecidiet il-kawza billi, wara li helset lill-konvenuti Segretarju Principali Permanenti u s-Segretarju tal-Kabinett mill-osservanza tal-gudizzju bi spejjez ghall-atturi stante li ma kienux legittimi kontraditturi fil-proceduri odjerni, cahdet it-talbiet attrici u laqghet l-eccezzjonijiet fil-mertu tal-konvenuti; ukoll ordnat li, l-ispejjez tal-kawza jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet, hlief safejn provdut mod iehor fl-istess sentenza.

**Mertu**

2. L-atturi huma lkoll tobba u kollha kienu wiegbu ghal sejha li saret ghall-mili ta' kariga pubblika ta' *General Practitioner Trainees* u dan taht il-klawsola 4.1 [lista 4.1] tas-sejha ghal applikazzjonijiet li saret fid-9 ta' Mejju 2014. Din il-klawsola kienet tirrikjedi li, fost affarijiet ohra, l-applikanti jkollhom registrazzjoni shiha mal-Kunsill Mediku ta' Malta [il-Kunsill] u jkollhom il-*Foundation Achievement of Competence Document (FADC)* mahrug mill-*Malta Foundation School* jew kwalifika xierqa, rilevanti u komparabbli. L-istess sejha kienet tipprovdi fil-klawsola 4.4 [lista 4.4] li setghu japplikaw ukoll kandidati li, ghalkemm fil-mument tas-sejha ma kellhomx registrazzjoni shiha mal-Kunsill u/jew ma jkollhomx id-dokument *FADC*, jottjenu dawn ir-rekwiziti sal-ahhar ta' Jannar 2015, basta jissodisfaw ir-rekwiziti l-ohra.

3. Wara li gie ippubblikat ir-rizultat tal-gradwatorja, l-Assocjazzjoni Medika (M.A.M.) oggezzjonat ghal dan il-metodu ta' klassifikar u qalet li ma kienx accettabbli li kandidati li ilhom izjed minn sentejn li ggradwaw jinghataw trattament preferenzjali; barra minnhekk dan kien jikser il-ftehim settorali milhuq dwar il-kategorija. Din is-sistema kienet se twassal biex kandidati li gabu marka inferjuri izda li jaqghu taht il-lista 4.1, kienu se jintaghzlu qabel kandidati elenkati fil-lista 4.4 li gabu marka oghla minnhom. Kien ghalhekk li l-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku [KSP] hassret il-process u ordnat li dan jerga' jsir mill-gdid bl-eliminazzjoni ta' kategoriji.

4. L-atturi jsostnu li l-KSP dan ma setghetx taghmlu in kwantu ladarba gie ippubblikat ir-rizultat tal-ghazla huma kellhom jitqiesu bhala li *de facto* kienu gew mahtura ghall-kariga in kwistjoni, minn dak in nhar li kien gie ppubblikat ir-rizultat. Wara l-istadju tal-pubblikazzjoni tar-rizultat tal-ghazla huma ottjenew il-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni biex iwaqqfu l-process ghall-mili tal-Post u biex jinzamm fis-sehh ir-rizultat li kien diga` pubblikat. Qed jitolbu wkoll li l-konvenuti jew min minnhom jinstabu responsabbli ghad-danni minnhom sofferti, u ghalhekk qed jitolbu illi jigu likwidati d-danni hekk sofferti minnhom.

5. Fir-rikors tal-appell prezentat fit-30 ta' April 2015, l-atturi qed jitolbu li l-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata, tilqa' t-talbiet tal-atturi u

tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti.

6. Il-konvenuti, hlief ghall-KSP, prezentaw risposta fit-22 ta' Mejju 2015 li permezz taghha u ghar-ragunijiet hemm esposti, talbu li din il-Qorti tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellanti.

7. Il-KSP ma prezentatx risposta izda ghamlet trattazzjoni orali.

**Is-Sentenza Appellata**

8. Il-parti tas-sentenza relevanti ghal dan l-appell taqra hekk:

> "Rat ir-Rikors Maħluf imressaq fit-22 ta' Awwissu, 2014, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, l-atturi talbu li din il-Qorti (a) issib li l-ħatra tagħhom bħala "*general practitioner* trainees" min-naħa tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku bir-riżultat maħruġ fis-17 ta' Lulju, 2014, wara s-sejħa għal applikazzjonijiet magħmula fil-Gażżetta tal-Gvern numru 19248 tad-9 ta' Mejju, 2014, hija waħda finali ladarba huma issoddisfaw il-ħtiġijiet mitluba fl-istess imsemmija sejħa għall-applikazzjonijiet u kif intwera mal-pubblikazzjoni tar-riżultat tal-proċess tal-għażla; (b) issib li, ladarba huma ntgħażlu u nħatru bħala "*trainee general practitioners*" fi ħdan il-Ministeru għall-Enerġija u Saħħa huma ġew hekk magħżula u maħtura qabel dawk il-kandidati li sa dak iż-żmien ma kinux għadhom reġistrati mal-Kunsill Mediku ta' Malta jew ma kinux għadhom ġabu l-*warrant* u l-*Foundation Achievement of Compliance Document*, u għalhekk issib li l-ħatra għandha tingħata lill-atturi qabel ma tingħata lil dawn tal-aħħar u lil dawn tal-aħħar tingħatalhom biss jekk kemm-il darba jkun għad fadal postijiet battala; (ċ) issib u tiddeċiedi li l-Kummissjoni mħarrka mxiet lil hinn mis-setgħat mogħtijin lilha mil-liġi ("*ultra vires*") u kif ukoll b'mod abbużiv, illegali u żbaljat u bi ksur tal-prinċipji tal-ġustizzja naturali meta ippruvat tħassar ir-riżultat tal-għażla li kien inħareġ minnha stess fit-18 ta' Lulju, 2014, u dan għaliex dak it-tħassir imur kontra r-Regolamenti tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku (L.S. Kost. 01); (d) issib li r-riżultat ippubblikat mill-Kummissjoni mħarrka fit-18 ta' Lulju, 2014, ma jistax jitħassar

ladarba kien ippubblikat; (e) tordna lill-imħarrkin, jew lil min minnhom, biex jikkunsidraw lill-atturi bħala impjegati fis-Servizz Pubbliku fil-post ta' "*general practitioner trainees*" ladarba kienu ntgħażlu u ġew approvati mill-Kummissjoni mħarrka u dan bis-salarji u skond ir-rekwiżiti tas-sejħa għal applikazzjonijiet imxandra fil-ħarġa tal-Gażżetta tal-Gvern tad-9 ta' Mejju, 2014 u qabel kull terza persuna oħra, u dan għall-finijiet tal-Mandat ta' Inibizzjoni numru 1189/14TM fl-ismijiet "*Tabib Dottor Grixti Soler et vs Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku et*"; (f) iżżomm permanentement lill-imħarrkin, jew lil min minnhom, milli jimpjegaw bħala "*general practitioner trainees*" lil ħaddieħor minflokhom qabel ma jinħatru huma, u dan għall-finijiet u effetti tal-Mandat ta' Inibizzjoni msemmi; (ġ) issib lill-imħarrkin, jew min minnhom, responsabbli għad-danni kollha li l-atturi ġarrbu, konsistenti f'telf ta' paga, emolumenti, *bonus* u drittijiet oħra, stabiliti fis-sejħa għall-applikazzjonijiet tad-9 ta' Mejju, 2014, u dan b'seħħ mis-17 ta' Lulju, 2014, sal-jum tal-effettiv ħlas tal-impieg tagħhom bħala "*general practitioner trainees*"; (ħ) tillikwida d-danni hekk imġarrba minnhom, jekk meħtieġ billi tqabbad periti għal dan il-għan; u (i) tikkundanna lill-imħarrkin biex iħallsuhom id-danni hekk likwidati. Talbu wkoll l-ispejjeż u żammew sħiħ il-jedd tagħhom għal kull azzjoni oħra skond il-liġi;

….. omissis ………

"Rat in-Nota mressqa mill-imharrkin fis-26 ta' Novembru 2014[1] li biha ddikjaraw li l-atturi kienu iggradwaw bhala tobba mill-Universita' ta' Malta qabel it-tobba li kienu fuq il-lista ta' applikanti fis-sejha ghall-ghazla."

………. omissis…….'

"Illi din hija azzjoni għal stħarriġ ġudizzjarju. L-atturi huma lkoll tobba u kienu wieġbu għal sejħa li saret għall-mili ta' kariga pubblika. Huma jgħidu li, wara li nħareġ ir-riżultat mill-Kummissjoni mħarrka (aktar 'il quddiem imsejħa "il-KSP") u lkoll kemm huma kienu għaddew mill-proċess tal-għażla, l-KSP ħassret il-proċess u ordnat li jerġa' jsir mill-ġdid. L-atturi jridu li l-Qorti ssib li l-KSP ma setgħetx tħassar ir-riżultat ladarba kienet ippubblikatu u li b'hekk imxiet bi ksur tal-liġi. Jridu li l-Qorti ssib li l-ħatra tagħhom fil-grad ta' "*general practitioner trainees*" li għaliha huma kienu wieġbu titqies konfermata u magħluqa billi titqies li ngħatatilhom bil-kundizzjonijiet imsemmija fis-sejħa pubblika li saret u b'seħħ minn dakinhar li ħareġ ir-riżultat. Iridu wkoll li l-ħatra tingħatalhom qabel ma tingħata lil ħaddieħor minn dawk li wieġbu għas-sejħa. Huma qegħdin jitolbu wkoll li l-imħarrkin jitqiesu responsabbli għad-danni mġarrba u għal-likwidazzjoni u l-ħlas tal-imsemmija danni. Huma irriżervaw ukoll kull jedd ta' azzjoni oħra kontra l-imħarrkin;

"Illi għal din l-azzjoni, il-KSP laqgħet billi qalet li l-Qorti ma jmisshiex tilqa' t-talbiet tal-atturi għaliex ma humiex mistħoqqa u la fil-fatt u wisq anqas fid-dritt għaliex bħala Kummissjoni hija mxiet b'mod ekwu u fil-qies tas-

[1]Pag. 89A tal-process

setgħat mogħtijin lilha mil-liġi u għalhekk l-egħmil tagħha mhux suġġett għal stħarriġ minn din il-Qorti għall-finijiet tal-artikolu 115 tal-Kostituzzjoni. Żiedet tgħid li t-tħassir min-naħa tagħha tas-sejħa għall-applikazzjonijiet sar fit-termini tar-Regolamenti fis-seħħ u li dan għamlitu għal raġunijiet tajba u li kienu jitolbu li jsir hekk. Qalet li d-deċiżjoni tagħha kienet ukoll moralment valida għaliex, minbarra li ħassret is-sejħa, tat direzzjoni biex tinħareġ sejħa oħra fejn applikanti jitqiegħdu f'lista waħda u jitqiesu flimkien biex l-għażla ssir fuq bażi trasparenti ta' mertu, skond il-marka li tingħata waqt l-intervista relattiva. Tenniet li l-proċess li tħassar ma kienx jiggarantixxi li kienu sejrin jintgħażlu l-aħjar kandidati u kemm hu hekk intwera bid-dieher mir-riżultat ippubblikat li wħud minn dawk li kisbu marki baxxi kienu sejrin jintgħażlu qabel uħud li kisbu marki ogħla minnhom minħabba l-anomalija tal-mod kif l-applikanti kienu qegħdin jitqiesu fil-proċess li hija ħassret. Saħqet li hija mgħobbija bir-responsabbilta' li tara li f'kull proċess ta' għażla ta' uffiċjali pubbliċi jkunu l-aħjar nies li jintgħażlu u kien għalhekk li fil-proċess partikolarment delikat ta' għażla tat-tobba li fuqhom tiddependi s-saħħa tal-pubbliku jittieħdu l-miżuri kollha biex taċċerta li jintgħażlu l-kandidati li l-aktar jistħoqqilhom filwaqt li ħadet il-passi biex jitħarsu l-jeddijiet ta' kulħadd u dan billi ordnat li l-proċess jerġa' jitnieda mill-bidu, b'bordijiet ta' għażla magħmula minn nies ġodda u fejn dawk kollha li kienu tefgħu l-applikazzjoni fl-ewwel proċess ta' għażla jkunu kunsidrati mill-ġdid bla ma kellhom għalfejn jerġgħu japplikaw. Temmet tgħid li l-liġi tagħtiha s-setgħa li tħassar proċess ta' għażla f'kull waqt u li kien hemm applikanti oħrajn fil-lista tal-atturi li marru aħjar minnhom fil-proċess tal-għażla u li, kieku ma tħassarx il-proċess, kienu xorta waħda jintgħażlu qabel l-atturi;

"Illi, min-naħa tagħhom l-imħarrkin l-oħrajn laqgħu billi, b'mod preliminari, qalu li l-imħarrkin Segretarju Prinċipali Permanenti u Segretarju tal-Kabinett ma messhomx iddaħħlu fil-kawża u jmisshom jinħelsu milli jibqgħu fiha ladarba ma kellhom x'jaqsmu bl-ebda mod mal-proċess tal-għażla, u billi qalu li l-kariga ta' "*Direttur Ġenerali għas-Saħħa Pubblika*" ma teżistix. Fil-mertu, laqgħu billi qalu li t-talbiet attriċi ma jmisshomx jintlaqgħu billi ma kinux mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt. Huma qalu illi, bla ħsara għal dak li jipprovdi l-artikolu 115 tal-Kostituzzjoni, id-deċiżjoni li ttieħdet li jitħassar il-proċess tal-għażla kienet waħda tajba u mistħoqqa kemm fil-fatt u kif ukoll fil-liġi għaliex il-proċess imħassar ma kienx jiggarantixxi li kienet sejra ssir l-għażla tal-aħjar minn fost il-kandidati u għalhekk ix-xilja li l-Kummissjoni mxiet lil hinn mil-liġi jew b'mod abbużiv ma kinitx tajba u lanqas sostenibbli. Żiedu jgħidu li ladarba l-Kummissjoni diġa' ħassret il-proċess tal-mili tal-post ta' "*general practitioner trainee*", il-Qorti ma tistax aktar tilqa' t-talba tal-atturi biex l-istess Kummissjoni ma tħassarx l-istess proċess u r-riżultat li kien inħareġ. Lanqas ma jgħidu sewwa l-atturi li huma kienu ngħataw il-ħatra ta' "*general practitioner trainees*" ladarba l-proċess tal-għażla kien tħassar qabel ma laħqet ingħatatilhom il-ħatra u ladarba f'talba oħra tagħhom qegħdin jitolbu li jinħatru qabel kandidati oħrajn fil-lista l-oħra. Tennew li l-ftehim settorali milħuq bejn il-Gvern u l-*Medical Association of Malta* jorbot lill-partijiet (ukoll jekk huma tobba li mhumiex imsieħba fl-istess Union) u jirregola r-relazzjonijiet bejn l-atturi u l-imħarrkin.

Għaldaqstant, ladarba kienet il-Union innifisha li talbet li l-proċess jitwaqqaf dan kienet qiegħda tagħmlu bis-setgħat tal-ftehim settorali u fl-interess tal-kategorija u għaldaqstant kien jorbot ukoll lill-atturi. Fl-aħħarnett ċaħdu li huma b'xi mod responsabbli għall-ħlas ta' xi danni lill-atturi, minbarra li wkoll li kieku l-proċess tal-għażla ma tħassarx, l-atturi ma kinux sejrin jinħatru bħala "*general practitioner trainees*" sa minn dak il-ħin li ħareġ ir-riżultat u b'hekk ma kellhomx jedd għal ħlas ta' paga, benefiċċji u *bonus* sa minn dak il-waqt;

"Illi bħala fatti rilevanti li joħorġu mill-atti jirriżulta li l-atturi lkoll huma tobba gradwati u reġistrati fir-Reġistru Mediku Permanenti maħruġ mill-Kunsill Mediku ta' Malta[2] u mogħtijin il-liċenza biex jeżerċitaw il-professjoni medika f'Malta taħt is-setgħat tal-Att tal-2003 dwar il-Professjonijiet tas-Saħħa[3];

"Illi fid-9 ta' Mejju, 2014, il-Ministeru għall-Enerġija u s-Saħħa (Saħħa) (aktar 'il quddiem imsejjaħ "il-Ministeru") ħareġ sejħa fil-Gażżetta tal-Gvern ta' dakinhar għall-mili ta' Post ta' *General Practitioner Trainee* (aktar 'il quddiem imsejjaħ "il-Post") fi ħdan l-istess Ministeru u dan taħt il-kundizzjonijiet hemmhekk imfissra[4] . Il-ħatra kellha tingħata f'kuntratt għal żmien definit ta' erba' (4) snin[5] u l-persuna magħżula għall-post kienet titħalla teżerċita l-professjoni medika b'mod privat taħt il-kundizzjonijiet u fiċ-ċirkostanzi hemm imfissra[6]. Mis-sejħa nnifisha, kien jidher li s-sejħa kienet taħseb li setgħu jintgħażlu aktar minn persuna waħda[7], għalkemm fis-sejħa nnifisha l-għadd ta' kandidati li jintgħażel ma jissemmiex;

"Illi biex persuna setgħet tingħażel, riedet turi li, sal-ħin u d-data tal-għeluq tas-sejħa, (i) kienet ċittadin ta' Malta jew ta' Stat Membru fl-Unjoni Ewropeja jew ta' xi pajjiż ieħor b'jedd li jkunu trattati ndaqs bħal ċittadini Maltin jew li jkunu ngħataw il-jedd li joqogħdu f'Malta skond il-liġi fis-seħħ; (ii) tkun taf titħaddet bil-malti u bl-ingliż, (iii) tkun reġistrata mal-Kunsill Mediku ta' Malta u jkollha l-*Foundation Achievement of Competence Document (FADC)* maħruġa lokalment jew kwalifika xierqa oħra kompatibbli magħha; u (iv) tkun ta' karattru morali tajjeb[8]. Kunsiderazzjoni xierqa kienet tingħata wkoll lil dawk li b'żieda ma' dak mitlub minnhom qabel, kellhom esperjenza ta' xogħol rilevanti u ippruvat ta' *continued medical education* u tiftix[9];

"Illi s-sejħa kienet miftuħa wkoll għal min, għalkemm ma kienx għadu reġistrat mal-Kunsill Mediku ta' Malta, kellu l-ħtiġijiet imsemmija fil-paragrafi (i), (ii) u (iv) hawn fuq u li jikseb il-kwalifika tal-FADC jew

---

[2]Ara Dokti, f'paġġ. 43, 49, 56, 65, 68, 74 u 83 tal-proċess
[3]Kap 464; u ara d-Dokti f'paġġ. 50, 55, 64, 73 u 84 tal-proċess
[4]Dok "A", f'paġġ. 7 – 12 tal-proċess
[5]Klawsola 2.1
[6]Klawsola 2.4
[7]Klawsola 3.2
[8]Klawsola 4.1
[9]Klawsola 4.2

ekwivalenti sa Jannar tal-2015 u juri din il-kwalifika "qabel il-ħatra"[10]. F'kull każ, is-sejħa kienet tagħmilha ċara li l-għażla ta' kandidati taħt dan il-paragrafu kienet issir "ladarba l-lista tal-applikanti magħżula skond il-paragrafu 4.1 tkun eżawrita, dment li jkun għad fadal vakanzi";

"Illi s-sejħa kienet taħseb li l-proċess tal-għażla kellu jitwettaq minn Bord tal-Għażla u l-KSP kellha tippubblika r-riżultat u r-riżultat hekk pubblikat kien ikun jgħodd sa sitt (6) xhur mill-pubblikazzjoni tiegħu[11];

"Illi l-aħħar jum li fih setgħu jitressqu l-applikazzjonijiet għas-sejħa kien it-30 ta' Mejju, 2014, u kull applikazzjoni setgħet titressaq flimkien ma' applikazzjoni għal sejħa oħra separata li kienet qiegħda ssir għall-mili ta' post ta' *basic specialist trainee*[12] (liema sejħa dehret ukoll fl-istess ħarġa tal-Gażżetta tal-Gvern);

"Illi l-atturi ssejħu għall-intervisti matul Ġunju tal-2014[13];

"Illi r-riżultat tal-proċess tal-għażla ħareġ fis-17 ta' Lulju 2014[14], b'listi separati. L-atturi lkoll kienu applikanti li jaqgħu taħt il-kriterji tal-klawsola 4.1. Dakinhar ukoll, inħareġ ir-riżultat tal-gradwazzjoni tal-applikanti li kienu jissoddisfaw il-kriterji tal-klawsola "sussidjarja" 4.4[15]. Ma sar l-ebda appell mir-riżultati kif ippubblikati saż-żmien mogħti mir-regoli fis-seħħ[16];

"Illi malli saret il-pubblikazzjoni tar-riżultat, l-Assoċjazzjoni Medika (MAM) oġġezzjonat għall-metodu ta' klassifikar (jiġifieri li jkun hemm żewġ listi separati fl-istess sejħa) u qalet li dan kien jikser il-ftehim settorali milħuq dwar il-kategorija. Fl-20 ta' Lulju, 2014[17], l-MAM kitbet lill-KSP biex toġġezzjona għall-pubblikazzjoni ta' żewġ listi separati u talbet li r-riżultat taż-żewġ listi jinħareġ f'lista waħda;

"Illi fil-5 ta' Awwissu, 2014, il-KSP ħassret ir-riżultat tas-sejħa u ordnat li ssir sejħa oħra ġdida li, b'ħarsien ta' dak stipulat fil-ftehim settorali, kellha ssir b'għażla minn lista waħda. Hija bagħtet tgħarraf b'dan lid-Direttur Ġenerali mħarrek b'ittra elettronika dakinhar filgħaxija[18], u dan fuq il-bażi li ma kienx sejjer jitħares il-prinċipju tal-mertu. Is-sejħa tad-9 ta' Mejju, 2014, kienet uffiċjalment irtirata fil-ħarġa tal-Gażżetta tal-Gvern fit-8 ta' Awwissu, 2014[19];

"Illi, sadattant, fil-5 ta' Awwissu, 2014, l-atturi kienu ressqu quddiem din

---

[10] Klawsola 4.4
[11] Klawsola 6
[12] Klawsola 7.1 u 7.2
[13] Ara affidavit tal-attriċi Muhaiyo Bartolo Khodjayeva 9.10.2014 u l-attriċi Yanica Vella 13.10.14, Dokti "DB4" u "DB7", f'paġġ. 52 u 70 tal-proċess
[14] Dok "B", f'paġ. 13 tal-proċess
[15] Dok "B1", f'paġ. 14 tal-proċess
[16] Public Service Management Code § 1.1.17.5(a)
[17] Dokti. "Ċ" u "GCD2", f'paġġ. 87 u 120 tal-proċess
[18] Dok "JC3", f'paġ. 123 tal-proċess
[19] Dok "SH2", f'paġ. 35 tal-proċess

il-Qorti talba għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni[20] biex iżżomm lill-intimati milli jwaqqfu l-proċess għall-mili tal-Post u biex jinżamm fis-seħħ ir-riżultat li kien diġa' pubblikat. B'degriet tas-7 ta' Awwissu, 2014, din il-Qorti (diversament presjeduta) laqgħet it-talba tar-rikorrenti u ħarġet il-Mandat minnhom mitlub;

"Illi l-atturi fetħu din il-kawża fit-22 ta' Awwissu, 2014;

"Illi l-Qorti sejra issa tgħaddi għall-**konsiderazzjonijiet tagħha fuq il-mertu tat-talbiet attriċi** u dan fid-dawl tal-**eċċezzjonijiet fil-mertu** mressqa mill-imħarrkin;

"Illi l-atturi jsejsu l-azzjoni kollha tagħhom fuq l-argument li ladarba l-KSP ħarġet ir-riżultat tal-gradwatorja magħmula mill-Bord tal-Għażla wara l-intervisti li saru lill-applikanti tas-sejħa pubblika, u ladarba għadda ż-żmien stabilit bla ma saret l-ebda kontestazzjoni għal dak ir-riżultat, il-KSP ma setgħetx tħassar dak ir-riżultat u l-pubblikazzjoni nnifisha tar-riżultat ħalqet il-jedd tal-atturi (ladarba kollha kemm huma għaddew mill-iskrutinju tal-Bord tal-Għażla) li jingħataw il-ħatra li għaliha applikaw. B'rabta ma' dan l-argument, l-atturi jgħidu li d-deċiżjoni li l-KSP ħadet biex tordna li terġa' ssir is-sejħa mill-ġdid ma tiswiex u saret b'mod abbużiv. Fid-dawl ta' dawn iż-żewġ argumenti, l-atturi jippretendu li, ladarba huma qagħdu u issoddisfaw il-ħtiġijiet kollha tas-sejħa kif imxandra f'Mejju tal-2014 fil-Gażżetta tal-Gvern, ma kellu jinħatar ħadd ieħor qabel ma jingħataw il-ħatra huma;

"Illi, b'mod partikolari u fid-dawl tal-imsemmija żewġ argumenti, fl-azzjoni tagħhom l-atturi qegħdin jitolbu li din il-Qorti ssib li ma tiswiex id-deċiżjoni tal-KSP li tħassar ir-riżultat maħruġ u d-deċiżjoni tagħha li terġa' tniedi mill-ġdid sejħa oħra għall-mili tal-istess karigi; li din il-Qorti ssib li bil-ħruġ tal-imsemmi riżultat, jitqies li huma lkoll ingħataw il-ħatra li għaliha applikaw qabel ma jingħata l-ħatra kull ħaddieħor; u li, jekk dan ma jsirx, il-Qorti tagħtihom kumpens għad-danni mġarrbin minnhom fis-sura ta' salarji u ħlasijiet mitlufa mid-data ta' meta xxandr ir-riżultat;

"Illi, kif ingħad qabel, kemm il-KSP u kemm l-imħarrkin leġittimati jiċħdu li l-atturi għandhom raġun u, b'mod partikolari, huma jikkontestaw l-argument li l-pubblikazzjoni tar-riżultat jissarraf awtomatikament fl-għoti tal-ħatra jew li l-KSP ma setgħetx għal raġuni tajba tħassar riżultat li kien ippubblikat, minkejja li ma saret l-ebda oġġezzjoni fi żmien partikolari. Fil-fatt huma jgħidu li kien hemm oġġezzjoni (mill-MAM) u li dik l-oġġezzjoni kienet waħda siewja;

"Illi l-Qorti qiegħda tiġbor il-każ fil-parametri essenzjali tal-kwestjoni biex ma tintilifx f'bosta konsiderazzjonijiet li, għalkemm jistgħu jkunu ta' interess akkademiku, ma jolqtux il-qalba tal-istess kwestjoni u kif jixraq li tkun mistħarrġa;

[20] Rik. Nru. 1189/14TM

"Illi dan kollu qiegħed jingħad fid-dawl tan-natura partikolari tal-azzjoni li l-atturi għażlu li jressqu quddiem din il-Qorti u fejn huwa stabilit li f'azzjoni bħal din xogħolha hu li twettaq funzjonijiet limitati maħsuba biex tara li l-egħmil amministrattiv ikun twettaq skond il-liġi, b'użu xieraq tas-setgħat mogħtijin lill-awtorita' li tkun mill-istess liġi, u b'mod li ma jkunx hemm u la ksur tal-jeddijiet imħarsin mill-ġustizzja naturali u lanqas twettiq abbużiv tal-istess setgħat. Bħala tali, f'azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju – kemm jekk hija waħda mibdija taħt l-artikolu 469A tal-Kodiċi tal-Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili u kif ukoll waħda taħt il-liġi ġenerali – xogħol il-Qorti huwa dak ta' "kassazzjoni" tal-egħmil li minnu jitressaq l-ilment quddiemha: il-Qorti ma tiħux fuqha b'rimedju t-teħid jew it-twettiq tal-egħmil amministrattiv, liema egħmil huwa setgħa li l-liġi tagħti biss lill-awtorita' pubblika li tkun;

"Illi dan ir-rwol tal-Qorti ilu żmien mifhum u aċċettat u dan joħroġ min-natura nnifisha tal-azzjoni ta' stħarriġ tal-egħmil amministrattiv. Għaldaqstant, meta l-Qorti tintalab tistħarreġ egħmil amministrativ għandha tqis is-siwi ta' egħmil bħal dak skond il-kejl tal-liġi u tal-prinċipji li jgħoddu għall-każ (u, jekk jirriżultaw iċ-ċirkostanzi xierqa, li tħassar dak l-egħmil jew issibu ma jiswiex) mingħajr ma hija stess tieħu d-deċiżjoni minflok l-awtorita' kompetenti li lilha l-liġi tkun tat dik is-setgħa. Hu mħolli għal dik l-awtorita' li twettaq, bid-diskrezzjoni xierqa, l-egħmil u li tieħu d-deċiżjonijiet li jitnisslu minn eżerċizzju bħal dak. It-tħassir ta' deċiżjoni min-naħa tal-Qorti jġib biss li l-istess Qorti tarġa' tgħaddi l-każ għas-smigħ lil dik l-awtorita' għall-kunsiderazzjoni mill-ġdid tal-każ[21]. Jista' jkun li l-Qorti tindika lill-awtorita' pubblika li tkun li meta tqis mill-ġdid il-każ, il-konsiderazzjonijiet ikunu fuq il-linji suġġeriti fis-sentenza li fiha l-egħmil amministrattiv ikun ġie mistħarreġ;

"Illi dawn il-konsiderazzjonijiet jgħoddu wkoll b'mod iżjed partikolari f'dan il-każ fejn l-istħarriġ qiegħed jintalab li jsir fir-rigward tal-KSP li, kif inhu stabilit fil-Kostituzzjoni tar-Repubblika ta' Malta, mhijiex suġġetta għall-eżami minn ebda qorti fuq kwestjoni dwar jekk qdietx validament xi funzjoni mogħtija lilha bi jew skond l-istess Kostituzzjoni[22]. Xieraq jingħad, iżda, li l-istess Kummissjoni mhijiex għal kollox meħlusa mill-istħarriġ ġudizzjarju f'ċerti każijiet, kemm jekk l-ilmenti allegati jkunu jikkonsistu fi ksur ta' xi jedd fundamentali tal-bniedem[23], u kif ukoll "fuq livell amministrattiv" ta' stħarriġ ġudizzjarju fiċ-ċirkostanzi maħsuba fl-artikolu 469A(1)(b)[24];

"Illi f'kawża ta' stħarriġ ġudizzjaru bħalma hija l-kawża li l-Qorti għandha quddiemha, l-ilment sindakabbli jikkonsisti fl-allegazzjoni li l-eżerċizzju ta'

[21]App. Ċiv. **11.5.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***Reginald Fava pro et noe vs Suprintendent tas-Saħħa Pubblika et***

[22]Art. 115(a) tal-Kostituzzjoni

[23]Ara, b'eżempju, Kost. **21.1.1985** fil-kawża fl-ismijiet ***Galea vs Chairman tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku et*** (Kollez. Vol: **LXIX.i.1**)

[24]Ara, b'eżempju, App. Ċiv. **27.6.2008** fil-kawża fl-ismijiet ***Charles Mattocks vs Dr. Anthony Gruppetta noe et.***; App. Ċiv. **6.9.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***Ivan Portelli vs Il-Prim Ministru et***; Kost. **17.9.2013** fil-kawża fl-ismijiet ***Grace Sacco vs Onor. Prim Ministru et***

ħatriet li jkun sar ikun milqut minn nuqqasijiet li jivvizzjawh. Jekk minħabba dawk in-nuqqasijiet jintlaqtu l-prospetti tal-istess parti fl-għażla tagħha għall-ħatra jew għall-promozzjoni f'dik il-ħatra, il-proċess innifsu tal-għażla jibqa' xorta waħda l-element ewlieni tal-istħarriġ. Il-Qorti ma tkunx b'daqshekk biss qiegħda tieħu fuqha t-tmexxija tal-proċess innifsu jew is-setgħa li twettaq jew ma twettaqx hi stess il-ħatra;

"Illi mbagħad jekk mill-provi mressqa joħroġ li tabilħaqq li l-proċess imniedi jkun fih nuqqasijiet li l-liġi ma taċċettahomx, il-proċess kollu jista' jitħassar u dak hu rimedju li l-Qorti tista' tagħti;

"Illi f'dan il-każ, l-atturi jixlu lill-imħarrkin, jew lil min minnhom, li wettqu proċess vizzjat li, minħabba n-nuqqasijiet li kienu saru matulu, ġarrbu l-effett li baqgħu ma ngħatawx ħatra li kienu qegħdin jistennew li kisbu u li ser tingħatalhom. Mhux hekk biss, uħud mill-atturi jisħqu li, meta tkellmu ma' persuni fi ħdan il-KSP, kienu ngħataw l-assikurazzjoni li setgħu jserrħu moħħhom għaliex fi ftit jiem kellhom jibagħtu għalihom biex jgħidulhom meta jingħataw il-ħatra[25]. Hawnhekk, il-qofol tal-azzjoni attriċi jibqa' dak li l-Qorti ssib jekk huwiex minnu jew le li dak il-proċess kien milqut bin-nuqqasijiet allegati;

"Illi l-atturi jibnu l-azzjoni tagħhom fuq dak li tgħid il-liġi fl-artikolu 469A(1)(b) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Jidher li, mill-mod kif żvolġa l-każ u mill-għamla ta' provi li tressqu, l-atturi jsejsu l-każ tagħhom fuq id-dispożizzjonijiet tas-sub-inċiżi (ii), (iii) u (iv) tal-imsemmi sub-artikolu. Dan joħroġ ukoll mis-sottomissjonijiet tal-għeluq magħmulin mill-għaref difensur tagħhom;

"Illi l-imsemmija dispożizzjonijiet jitkellmu dwar egħmil amministrattiv li fih l-awtorita' pubblika tkun naqset milli tħares il-prinċipji ta' ħaqq naturali hi u twettqu, jew xi ħtiġijiet mandatorji, hi u twettaq dak l-egħmil jew matul il-proċess li fih dik l-awtorita' tkun għadha qiegħda tqis kif se twettaq l-egħmil innifsu. Jitkellmu wkoll dwar abbuż tas-setgħa min-naħa tal-awtorita' pubblika billi l-egħmil jitwettaq għal għanijiet mhux xierqa jew fuq konsiderazzjonijiet mhux rilevanti jew li, b'xi mod ieħor li jkun, imur kontra l-liġi;

"Illi l-atturi jorbtu l-imsemmija ilmenti tagħhom mar-Regolamenti tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku[26] u kemm hu hekk l-imsemmija lmenti jinġabru fil-qofol kollu tagħhom fit-tielet talba attriċi li trid li l-KSP titqies li mxiet bi ksur tal-istess Regolamenti;

"Illi l-imsemmija Regolamenti jħarsu l-imġieba, il-proċeduri mnedija u s-setgħat tal-KSP u, fejn ikun il-każ, ta' dawk il-persuni jew korpi minnha delegati. Fis-sewwa huma ġabra ta' dispożizzjonijiet b'saħħa ta' liġi li jridu jinqraw mas-setgħat u funzjonijiet tal-KSP kif imfissra fil-Kapitolu X (artt. 109 sa 115) u l-artikolu 121(1) tal-Kostituzzjoni u jitqiesu ħaġa

[25]Xhieda tal-attriċi Veronica Aquilina u Tania Cardona, Dokti "DB3" u "DB8", f'paġġ. 45 u 79 tal-proċess
[26]A.L. 32 tal-1960 (kif emendat)(L.S. Kost. 01)

waħda magħhom;

"Illi għal dak li jirrigwarda l-ħatriet u promozzjonijiet ta' uffiċjali pubbliċi għal postijiet fis-servizz pubbliku, l-imsemmija Regolamenti jagħtu lill-KSP firxa ta' setgħat biex bihom iħarsu l-proċessi ta' għażla għal uffiċjali bħal dawn jew persuni li, bħall-atturi fil-kawża tallum, iridu jidħlu fis-servizz pubbliku. Waħda mid-dispożizzjonijiet tal-imsemmija Regolamenti u li l-Qorti jidhrilha li tgħodd ħafna għall-każ li għandha quddiemha tgħid li: "*Fejn il-Kummissjoni ssib li hemm ksur tad-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti jew xi direttivi u linji gwida applikabbli, jew fejn il-Kummissjoni ssib li proċess tal-għażla ma sarx skont il-prinċipju tal-mertu, tista' tieħu tali azzjoni kif jidhrilha li hu xieraq bħala rimedju, inkluż: (i) is-sospensjoni jew terminazzjoni ta' proċess tal-*għażla*; (ii) l-ikkanċellar ta' sejħa għall-applikazzjonijiet, u l-pubblikazzjoni sussegwenti ta' sejħa riveduta b'dawk l-emendi li l-Kummissjoni tista' tiddeċiedi; (iii) l-annullament ta' riżultat tal-għażla; (iv) il-ħruġ ta' rakkomandazzjoni lill-Prim Ministru għar-revoka ta' ħatra, suġġett għar-regolament 23(2), u (v) il-ħruġ ta' rakkomandazzjonijiet lill-Prim Ministru jew lil awtoritajiet oħra kif xieraq, biex jittieħdu passi dixxiplinari jew kriminali kif jidhrilha xieraq fiċ-ċirkostanzi*"[27];

"Illi l-Qorti tqis siewi wkoll li tirreferi għal regolament ieħor li jipprovdi li dwar it-tħassir ta' ħatra magħmula taħt l-artikolu 110 tal-Kostituzzjoni, minkejja kull regolament ieħor, f'ċerti każijiet, fosthom fejn il-ħatra "manifestament ma kenitx konformi mal-prinċipju tal-mertu"[28];

"Illi skond ir-Regolamenti[29], l-"prinċipju tal-mertu" jinftiehem bl-istess mod li jfissru l-artikolu 21 tal-Att tal-2009 dwar l-Amministrazzjoni Pubblika[30]. Il-Qorti tgħid minnufih li l-imsemmi artikolu 21 għadu sallum ma daħalx fis-seħħ iżda sejra ssemmih għaliex jixħet dawl b'xi mod fuq x'jifhem il-leġislatur bil-kunċett ta' "prinċipju tal-mertu" fil-qasam tal-amministrazzjoni pubblika. "*(1) Ħlief kif provdut xort'oħra f'dan l-Att jew f'xi Att ieħor, ħatriet f'karigi pubbliċi jsiru b'għażla kompetittiva skont il-mertu. (2) Għall-fini ta' dan l-artikolu, l-għażla kompetittiva skont il-mertu tfisser l-għażla tal-kandidat li jkun l-aħjar għall-kariga kif indikat minn evalwazzjoni tal-meriti individwali u relattivi tal-kandidati eliġibbli skont il-ħtiġiet tal-kariga*";

"Illi minn qari tad-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti l-Qorti tislet il-fehmiet li ġejjin. Fl-ewwel lok, il-KSP għandha diskrezzjoni jekk tagħżilx li tieħu xi waħda mill-miżuri msemmija fir-Regolamenti jew f'liema grad. Fit-tieni lok, it-tħassir ta' riżultat ippubblikat jew it-twaqqif jew it-tħassir ta' proċess ta' għażla huma fost il-miżuri li r-Regolamenti jagħtu lill-KSP s-setgħa li tordna jew tieħu u dan tista' tagħmlu minn jeddha bla ma jkollha xi lment formali minn xiħadd jew f'xi żmien partikolari. Fit-tielet lok, ir-raġunijiet stabiliti mir-Regolamenti li minħabba fihom jew minħabba xi waħda

[27] Reg. 17(e) tal-A.L. 32 tal-1960
[28] Reg. 23(2)(a) tal-A.L. 32/1960
[29] Reg. 2 A.L. 32/1960
[30] Att I tal-2009 (Kap. 497)

minnhom tista' tieħu l-imsemmija miżuri, huma (a) il-ksur tad-dispożizzjonijiet tal-istess Regolamenti, jew (b) il-ksur ta' direttivi jew linji-gwida dwar is-settur jew (ċ) il-ksur tal-prinċipju tal-mertu. Fir-raba' lok, il-miżuri msemmija fir-Regolament 17(e) u li l-KSP tista' tieħu ma humiex tassattivi u l-KSP tista' tagħżel li tieħu miżuri oħrajn (minħabba f'hekk li r-Regolament juża l-kelma "inkluż"). Fil-ħames lok, jidher ċar li hemm distinzjoni fir-Regolamenti nfushom bejn l-istadju tal-proċess ta' għażla meta jinħareġ ir-riżultat u l-istadju fejn il-persuna magħżula tingħata l-ħatra: li kieku ma kienx hekk, id-dispożizzjonijiet tar-Regolament 17 u dawk tar-Regolament 23 kienu jkunu jitkellmu dwar l-istess ħaġa, li jidher ċar li mhuwiex il-każ[31]. Għalhekk, fis-sitt lok, il-fatt li applikant ikun ġab riżultat tajjeb jew pożittiv meta jinħareġ ir-riżultat pubblikat ma jissarrafx awtomatikament fl-għoti tal-ħatra ta' uffiċjal pubbliku, u wisq anqas fl-għoti tal-ħatra b'seħħ minn dakinhar tal-pubblikazzjoni tal-imsemmi riżultat;

"Illi dawn il-fehmiet tal-Qorti jindirizzaw xi wħud mill-argumenti tal-atturi u wkoll il-premessi li fuqhom isejsu t-talbiet tagħhom. Iservu wkoll biex il-Qorti tkun tista' tqis jekk, mill-mod kif l-imħarrkin imxew f'dan il-każ, jistax tabilħaqq jingħad li sar ksur tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 469A(1)(b) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

"Illi mill-provi mressqa ħareġ li r-riżultat ippubblikat sar fuq il-bażi ta' ordni ta' mertu[32]. Dan jgħodd fil-każ taż-żewġ listi separati ippubblikati. Jidher ukoll li, għal dak li jirrigwarda l-gradwatorja milħuqa mill-Bord tal-Għażla, ħadd mill-applikanti ma ressaq ilment. Ta' min jirrileva wkoll li l-Bord tal-Għażla li għamel l-intervisti u fassal ir-rapport dwar kull "lista separata" (jiġifieri applikanti eliġibbli taħt il-klawsola 4.1 tas-sejħa u dawk taħt il-klawsola 4.4 tal-istess sejħa) kien l-istess Bord. Dan iwassal lill-Qorti biex tifhem li, fiż-żewġ każijiet, il-membri tal-Bord kellhom l-istess kriterji dwar kif iqisu l-mertu tal-konkorrenti, ħlief għaċ-ċirkostanzi partikolari li s-sejħa nnifisha kienet tagħmel bejn kategorija waħda jew oħra tal-applikanti. Ħareġ ukoll li l-Bord tal-Għażla kien qiegħed jaġixxi b'delega tas-setgħat tal-KSP[33];

"Illi jirriżulta wkoll li l-Bord tal-Għażla mexa fedelment ma' dak li kien hemm imsemmi fis-sejħa għall-ħatra kif pubblikata fil-Gażżetta tal-Gvern. Il-Qorti tqis li huwa siewi wkoll li jingħad li s-sejħa għall-applikazzjonijiet ma nħarġitx mill-KSP[34], iżda mid-Direttorat immexxi mill-imħarrek Direttur (Riżorsi Umani)[35] u kif tixhed l-istess sejħa kif ippubblikata fil-Gażżetta tal-Gvern. Hemm ċirkostanza oħra li tispikka fil-każ tallum: din hija l-fatt li, mis-sejħat kollha li saru għall-mili ta' karigi ta' "*general practitioner trainees*" fl-aħħar snin, dik ta' Mejju 2014 kienet l-ewwel darba li ħalqet il-kejl taż-żewġ listi u li dan il-kejl kien imħeġġeġ mill-KSP

[31]Ara wkoll Public Service Management Code § 1.1.10.1 u 2
[32]Xhieda ta' Christine Schembri 10.12.2014, f'paġġ. 90Ċ u 90D tal-proċess
[33]*Ibid.* f'paġ. 90E tal-proċess
[34]*Ibid.* f'paġ. 90F tal-proċess
[35]Xhieda ta' Dr Joyce Cassar 4.2.2015, f'paġ. 150 tal-proċess

innifisha minn żmien qabel[36];

"Illi huwa fatt li l-atturi ma jmieru bl-ebda mod il-ħidma li saret mill-Bord tal-Għażla u lanqas għandhom xi lment li dak il-Bord ma mexiex kif messu jimxi sa ma wasal biex temm il-proċess tal-gradwatorja u bagħat ir-riżultat lill-KSP biex tippubblikah. L-ilment tal-atturi hu sostanzjalment li ladarba l-KSP għażlet li tippubblika r-riżultat (f'żewġ listi separati) u ma kienx hemm ilmenti għal dak ir-riżultat, ma setgħetx imbagħad tirtira dak ir-riżultat u tħassar il-proċess billi tordna li jissejjaħ proċess ta' għażla ieħor li jinbeda mill-ġdid;

"Illi t-tifsira mogħtija mir-rappreżentanti tal-KSP[37] dwar x'wassalha biex ħadet il-pass li ħadet kienet li, wara li nħareġ ir-riżultat, bdew jitressqu rappreżentazzjonijiet kemm mill-Assoċjazzjoni Medika ta' Malta (M.A.M.) u kif ukoll mit-tmexxija tal-isptar *Mater Dei* li, ir-riżultat kif ippubblikat, kien juri li ma kinux sejrin jintgħażlu l-ewwel dawk l-aktar li ħaqqhom biex jidħlu fil-ħatra ta' "*trainee general practitioners*". Jidher li dan ġara minħabba l-fatt li wħud mill-applikanti li tqiegħdu (skond is-sejħa għall-applikazzjonijiet) fil-lista "sussidjarja" taħt il-klawsola 4.4. tas-istess sejħa, ġabu marki ogħla minn bosta mill-atturi li kienu tqiegħdu (dejjem skond l-istess sejħa) fil-lista "ewlenija" taħt il-klawsola 4.1 u li kellhom jintgħażlu qabel ma setgħu jintgħażlu dawk imqiegħda taħt il-klawsola 4.4. Dan ifisser ukoll li r-rappreżentazzjonijiet li saru lill-KSP ma kenux marbuta ma' evalwazzjonijiet magħmula mill-Bord tal-Għażla, iżda minħabba l-firda li kienet saret fis-sejħa għall-applikazzjonijiet bejn dawk taħt il-klawsola 4.1 u dawk taħt il-klawsola 4.4;

"Illi tressqu provi li juru li d-distinzjoni li saret bejn applikanti taħt il-klawsola 4.1 tas-sejħa u dawk taħt il-klawsola 4.4 kienet saret l-ewwel darba fis-sejħa tad-9 ta' Mejju, 2014. B'dan il-mod, u fil-kliem ċar tal-istess sejħa, dawk il-kandidati li kienu jikkwalifikaw taħt il-klawsola 4.1 (li jinkludi lill-atturi kollha) kellhom moħħhom mistrieħ li ħadd mill-kandidati "sussidjarji" taħt il-klawsola 4.4 ma seta' jintgħażel qabel ma jkunu ntgħażlu l-kandidati taħt il-lista "ewlenija" skond il-klawsola 4.1. Mhux hekk biss, iżda filwaqt li l-atturi u l-kandidati kollha taħt il-klawsola 4.1 riedu jkunu regolarment reġistrati mal-Kunsill Mediku, ma jistax jingħad l-istess dwar il-kandidati taħt il-lista "sussidjarja", li kellhom saħansitra sal-31 ta' Jannar, 2015 biex jissoddisfaw il-kwalifika (iv) tal-klawsola 4.1, minkejja li setgħu ngħataw marki ogħla minn uħud mill-kandidati taħt il-klawsola 4.1;

"Illi, fil-fehma tal-Qorti min daħħal din id-distinzjoni ħalaq il-kwestjoni li l-Qorti għandha quddiemha llum u qiegħed il-lifgħa f'ħobbu għaliex b'hekk tnisslet iċ-ċirkostanza li wasslet lill-KSP biex tħassar ir-riżultat. Il-Qorti temmen ukoll li ladarba din il-kundizzjoni kienet ippubblikata uffiċjalment fis-sejħa għall-applikazzjonijiet fil-Gażżetta tal-Gvern sa minn Mejju tal-2014, ma tistax tifhem kif, min kien jinteressah, ma setax ma jkunx jaf

[36]Ara, Dok "JC1", f'paġ. 121 tal-proċess
[37]Xhieda ta' Christine Schembri 4.2.2015 f'paġġ. 125, 126 u 131 tal-proċess

ukoll dwarha sa minn qabel ma nbeda l-proċess tal-għażla. Minbarra dan (għalkemm ma tressqitx prova f'dan ir-rigward) minħabba li l-biċċa l-kbira mill-membri tal-Bord tal-Għażla kienu tobba, l-Qorti ma tifhimx lanqas kif ħadd minnhom ma qanqal xi oġġezzjoni għall-kriterji li mbagħad tqajmu b'tant ħerqa mill-Assoċjazzjoni tagħhom wara li ħareġ ir-riżultat u li, minħabba f'hekk, fissret il-proċess bħala wieħed li ħalaq "vantaġġ pervers"[38]. Minbarra l-weġgħa li dawn ir-rappreżentazzjonijiet ġabu lill-atturi, hemm il-fatt ukoll li huma lkoll membri tal-istess MAM u ma jlumhom ħadd li jħossuhom diżappuntati li l-istess Assoċjazzjoni li tagħha huma membri mexxiet rappreżentazzjonijiet li effettivament wasslu biex ir-riżultat li kien inkiseb jitħassar;

"Illi mill-provi li tressqu, jidher li llum il-Ministeru mħarrek u d-Direttorati mħarrka li jaqgħu taħtu jagħrfu li s-sejħa b'żewġ listi separati kien żball li ma jmissux sar u li nissel taqliba fil-prinċipju tal-meritu u tal-garanzija li s-servizz mediku pubbliku jaħtar l-aħjar għall-għoti ta' dak is-servizz lill-pubbliku in ġenerali[39];

"Illi, min-naħa tagħha, l-KSP qieset li r-rappreżentazzjonijiet li sarulha mill-M.A.M kienu wassluha biex taċċetta li l-proċess kif sar ma kienx ser iħares il-prinċipju tal-mertu. Dan waslet għalih ukoll fid-dawl ta' dak li kien jistipula l-ftehim settorali bejn l-Assoċjazzjoni Medika ta' Malta u l-Gvern dwar il-kategorija tat-tobba fis-servizz pubbliku;

"Illi l-Qorti, filwaqt li tistqarr li ma għandhiex quddiemha l-kejl li uża l-Bord tal-Għażla biex ta l-marki tiegħu wara l-intervisti li saru lill-applikanti kollha li wieġbu għas-sejħa, ma hijiex midħla taċ-ċirkostanzi li wasslu biex bosta mill-applikanti li resqu taħt il-lista "sussidjarja" (klawsola 4.4) ġabu aktar marki minn bosta mill-kandidati taħt il-lista "ewlenija" (taħt il-klawosla 4.1) li kienu ilhom iservu bħala tobba għal snin filwaqt li l-kandidati taħt il-lista "sussidjarja" ma kellhomx dik l-esperjenza. F'kull każ, ladarba ħadd mill-partijiet ma qanqal dubju dwar kif mexa l-Bord tal-Għażla jew imqar ikkontesta r-riżultat, mhuwiex kompitu ta' din il-Qorti li tindaħal hi u għalhekk wieħed irid jifhem li, jekk ittieħed kejl wieħed u konsistenti fil-Bord, jirriżulta tabilħaqq li kien hemm għadd ta' applikanti taħt il-klawsola 4.4 li ġabu marki ogħla minn uħud mill-atturi taħt il-klawsola 4.1 tas-sejħa;

"Illi l-mistoqsija li allura trid issir hi jekk il-KSP kenitx qiegħda timxi lil hinn mis-setgħat mogħtija lilha mil-liġi jew jekk kenitx timxi b'mod irraġonevoli meta, b'kuntrast mal-kriterju ċar tas-sejħa tal-applikazzjonijiet, għażlet li tħassar ir-riżultat minnha pubblikat;

"Illi l-Qorti tqis li jekk inhu minnu li l-KSP ħassret ir-riżultat minħabba li qieset li ma kienx tħares il-prinċipju tal-mertu, dan jaqa' taħt is-setgħat mogħtija lilha bir-Regolament 17(e) fuq imsemmi. Ifisser għalhekk li meta għażlet li tagħmel dan ma marritx lil hinn minn dak li l-liġi tagħtiha l-

[38]Xhieda Kirurgu Gordon Caruna Dingli 4.2.2015, f'paġ. 135 tal-proċess
[39]Xhieda Dr Joyce Cassar 4.2.2015, f'paġġ. 156 – 7 tal-proċess

jedd li tagħmel. Il-kwestjoni ta' jekk kenitx deċiżjoni msejsa fuq ir-raġonevolezza titlob aktar konsiderazzjonijiet, speċjalment minħabba l-fatt li ladarba s-sejħa kienet ħalqet żewġ kategoriji ta' applikanti b'kategorija minnhom speċifikatament "ippreferuta" mill-oħra. Jerġa' jingħad li s-sejħa ma nħarġitx mill-KSP imma mid-Direttorat;

"Illi hawnhekk il-każ jidħol fil-kwestjoni tar-raġonevolezza u tar-rilevanza ta' deċiżjoni amministrattiva li, fil-fehma tal-Qorti, f'din iċ-ċirkostanza, jimxu id f'id. Magħhom u minħabba l-kawżali speċifika tat-tħaddim tar-raġonevolezza, jidħol tabilfors l-element tat-tħaddim tad-diskrezzjoni li l-liġi tagħni biha lill-awtorita' amministrattiva pubblika li tkun ħadet dik id-deċiżjoni. B'"diskrezzjoni" wieħed jifhem dak li fid-duttrina huwa mfisser bħala "*(the) power to make a choice between alternative courses of action or inaction*"[40];

"Illi l-Qorti tifhem li ladarba eżerċizzju bħal dak jimplika diskrezzjoni, dan ifisser li t-twettiq ta' dik id-diskrezzjoni, għall-finijiet ta' stħarriġ ġudizzjarju, tippermetti li l-persuna mogħnija b'dik is-setgħa diskrezzjonali ma tkunx marbuta mal-elementi oġġettivi għall-formazzjoni tal-ħsieb tagħha, li huwa fdat għall-prudenza suġġettiva ta' dik il-persuna u li timplika tabilfors element soġġettiv[41]. Madankollu, dik id-diskrezzjoni trid titwettaq fil-parametri tal-liġi li tawtorizzaha, b'mod raġonevoli, b'ekwita' u ħaqq[42] u mingħajr abbuż ta' dik l-istess diskrezzjoni. Huwa magħruf ukoll li t-twettiq ta' diskrezzjoni bħal dik dettat minn xi sura ta' pressjoni jew tehdid minn terza persuna inissel ċirkostanza fejn dik id-diskrezzjoni titqies li twettqet ħażin, għaliex għall-eżerċizzju tal-arbitriju ħieles u raġunat tal-persuna awtorizzata jkun daħal l-element li l-ħsieb li wassal għad-deċiżjoni kien wieħed imġiegħel;

"Illi kien għalhekk li, mal-medda taż-żmien, issawru regoli li jħarsu l-imsemmija setgħat diskrezzjonali u kif il-Qrati kellhom iqisu l-istħarriġ tagħhom dwarhom. Ewlenija fost dawn ir-regoli hi li awtorita' li hija mogħnija b'diskrezzjoni tista' tiġi ordnata teżerċitaha f'każ li tkun naqset li tagħmel dan, imma ma tistax tiġi dettata x'għandha tiddeċiedi jew li twettaqha b'xi mod partikolari. Biex jiġi assikurat li din id-diskrezzjoni kienet imwettqa, jeħtieġ li lill-Qorti jirriżultalha li dik l-awtorita' tassew qieset il-kwestjoni li kellha quddiemha, u li dan għamlitu mingħajr l-indħil tal-ebda ħaddieħor jew bla ma poġġiet lilha nnifisha f'qagħda fejn ma setgħetx jew irrifjutat li twettaq dik id-diskrezzjoni[43]. Siewi wkoll li jiġi aċċertat jekk l-awtorita' mistħarrġa għamlitx dak li kienet espressament miżmuma milli tagħmel, jew jekk għamlitx xi ħaġa li ma kinitx awtorizzata tagħmel. Fuq kollox, l-awtorita' mistħarrġa trid tkun imxiet *bona fide* u qieset il-konsiderazzjonijiet rilevanti tal-każ. Dawn huma, fil-qosor, il-

---

[40]DeSmith, Woolfe & Jowell Principles of Judicial Review (5th Edit, 1995), paġ. 296

[41]App. Ċiv. **30.11.1993** fil-kawża fl-ismijiet ***Sammut noe et vs Kontrollur tad-Dwana*** (Kollez. Vol: **LXXVII.ii.376**)

[42]App. Ċiv. **21.4.1961** fil-kawża fl-ismijiet ***Masini noe vs Podesta' noe*** (Kollez. Vol: **XLV.i.110**)

[43]Ara App. Ċiv. **20.5.1982** fil-kawża fl-ismijiet ***Fenech Adami et vs Cremona pro et noe*** (mhix pubblikata)

ġabra tal-kategoriji fid-Dritt Amministrattiv ta' nuqqas ta' eżerċizzju ta' diskrezzjoni u ta' eċċess jew abbuż ta' dak l-eżerċizzju;

"Illi marbut sfiq ma' dawn il-prinċipji wieħed isib ukoll it-test tar-raġonevolezza tat-twettiq tad-diskrezzjoni. Id-dmir li awtorita' taġixxi raġonevolment mhux l-istess bħad-dmir li taġixxi *bona fide*[44]. Għalhekk, filwaqt li mhux kull eżerċizzju raġonevoli ta' ġudizzju huwa bilfors korrett, lanqas mhuwa bilfors irraġonevoli kull eżerċizzju ta' ġudizzju żbaljat[45]. F'każ bħal dan, ix-xiber li l-Qorti jidher li għandha tuża biex tkejjel bih ikun dak li tqis jekk id-deċiżjoni li minnha jkun hemm ilment kinitx mistennija li tittieħed minn persuni raġonevoli;

"Illi l-kittieba awtorevoli f'dan il-qasam jgħallmu li r-rwol ewlieni tal-Qrati fid-dritt amministrattiv huwa dak li jiżguraw li ma tonqosx il-legalita' fl-għemil mistħarreġ, iżjed minn dak li jaraw li l-awtorita' pubblika mistħarrġa tkun iddeċidiet sewwa. Hekk ukoll tfissret il-qagħda f'bosta deċiżjonijiet tal-qrati[46];

"Illi huwa stabilit li biex jitqies jekk awtorita' wettqitx b'mod raġonevoli d-diskrezzjoni mogħtija lilha bis-saħħa ta' xi liġi, irid jintwera li dik l-awtorita' mxiet ma' dak li kellha jew messha tagħmel u mhux biss ma' dak li setgħet tagħmel[47]. Dan ifisser li l-kejl ta' r-raġonevolezza jkun wieħed oġġettiv marbut maċ-ċirkostanzi fattwali li fihom dik l-istess diskrezzjoni titwettaq[48]. B'żieda ma' dan, biex imġiba titqies abbużiva, min jallegaha jrid juri li kien hemm element ta' intenzjoni biex wieħed jagħmel il-ħsara, liema fehma wieħed jista' jasal biex juriha b'xi prova ta' mġiba esterna li tagħmel parti mill-eżerċizzju diskrezzjonali li jkun. Minbarra dan, l-eżerċizzju diskrezzjonali jrid ikun kemm "*rite*" u kif ukoll "*recte*", jiġifieri jrid jitwettaq skond il-proċedura stabilita u kif ukoll imħaddem b'ħaqq[49]. Dan kollu jitlob ukoll li d-diskrezzjoni titwettaq b'mod raġonevoli;

"Illi f'dan ir-rigward, tajjeb li jingħad li "*A person in whom is vested a discretion must exercise his discretion upon reasonable grounds. A discretion does not empower a man to do what he likes merely because he is minded to do so – he must in the exercise of his discretion do not what he likes but what he ought. In other words, he must, by the use of his reason, ascertain and follow the course which reason directs. He must act reasonably*"[50]. Il-kejl tar-raġonevolezza jista' jitqies bħala l-mod kif egħmil amministrattiv ma jitħalliex ikun aġir arbitrarju jew kapriċċuż[51]. "Iżda jekk kemm-il darba jirriżulta li d-deċiżjoni amministrattiva taqa' fil-

---

[44]Ara, per eżempju, ***R vs Roberts, ex p. Scurr*** (**1924**) 2 K.B. 695
[45]Ara, per eżempju, ***R. vs W*** **(1971)** A.C. 682
[46]Ara l-bosta riferenzi msemmija minn din il-Qorti (JZM) fis-sentenza tad-**9.6.2011** fil-kawża fl-ismijiet ***Mario Debono et vs Tabib Prinċipali tal-Gvern et***
[47]H.W.R. Wade & C.F. Forsyth, Administrative Law (10[tth]. Edit), pġ. 295
[48]App. Ċiv. **27.3.2009** fil-kawża fl-ismijiet ***Carmelo Dingli et vs Kontrollur tad-Dwana et***
[49]App. Inf. PS **26.2.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***Peter J. Azzopardi et noe vs Awtorita' għas-Servizzi Finanzjarji***
[50]*Per* Wrenbury LJ in re ***Roberts vs Hopwood*** (**1925**) AC 578, a fol. 613
[51]Ara, b'eżempju, TRA GV **11.6.2012** fil-kawża fl-ismijiet ***Vincent Mallia vs Ministru tal-intern u Affarijiet Parlamentari et***

parametri tar-raġonevolezza, imbagħad il-Qorti ta' stħarriġ ma jifdlilha l-ebda setgħa li tindaħal fuq is-siwi ta' dik id-deċiżjoni jew tiddelibera dwar jekk kenitx taqbel magħha jew tiddeċiedi bħalha[52];

"Illi tnejn huma r-raġunijiet dikjarati li wasslu lill-KSP biex tqis li kien meħtieġ li tħassar ir-riżultat pubblikat. L-ewwel waħda hija l-pressjoni li saret min-naħa tal-Assoċjazzjoni Medika ta' Malta fuq il-fatt li l-kriterju taż-żewġ listi separati kien imur kontra l-ftehim settorali fis-seħħ bejn il-Gvern u l-kategorija medika. It-tieni hi li ż-żamma mal-kriterji tas-sejħa kienet ser twassal biex kandidati li ġabu marki ogħla ma kenux jistgħu jintgħażlu qabel ma jintgħażlu l-atturi kollha, li setgħu ġabu marki anqas;

"Illi dwar l-ewwel raġuni l-Qorti tibda biex tgħid li diġa' kellha l-okkażjoni tosserva aktar 'il fuq kif kien tassew possibbli li l-M.A.M. tkun taf li s-sejħa kienet taħlaq il-kriterju taż-żewġ listi u li kieku riedet tabilħaqq topponi għal dan kellha żmien biżżejjed biex tagħmel dan qabel ma jibda l-proċess tal-għażla. Iżda, tressqu meta tressqu l-ilmenti tal-M.A.M. jidher li din ma kenitx waħda suġġettiva maħsuba biex toħloq pressjoni mhux mistħoqqa fuq il-KSP. Kemm hu hekk, ħareġ li l-oġġezzjoni (tardiva) tal-M.A.M. kienet li l-qsim f'kategoriji kien imur kontra d-dispożizzjonijiet tal-ftehim settorali. Fis-sistema legali Malti, ftehim settorali, bħala ftehim industrijali jew kollettiv, għandu s-saħħa ta' liġi bejn il-partijiet u jorbot lil min jgħodd għalih u jista' jiġi eżegwit min-naħa jew l-oħra f'każ ta' nuqqas ta' ħarsien tiegħu[53]. Fil-klawsola partikolari tal-ftehim settorali li jirrigwarda l-kategorija medika, l-kriterju tal-kwalifiki u l-eżerċizzju tal-professjoni fuq il-mertu jegħilbu l-kriterju tal-anzjanita'[54];

"Illi l-Qorti tqis ukoll li biex il-KSP tagħżel li tirrikorri għal xi waħda mill-miżuri maħsuba fir-Regolament 17(e), ma huwiex meħtieġ li jkollha lment formali, ikun biżżejjed jekk, meta tkun qiegħda tgħarbel il-proċess ta' xi sejħa, tara li jkun hemm ċirkostanza li tista' twassal għat-teħid ta' xi miżura bħal dik. Għalhekk, il-Qorti ma tistax taqbel mal-atturi meta jgħidu li l-uniċi lmenti li setgħu saru lill-KSP riedu jkun biss dawk minn fost il-konkorrenti tas-sejħa jew biss saż-żmien tal-għaxart (10) ijiem imsemmija fil-*Public Service Management Code*;

"Illi dwar it-tieni raġuni, l-Qorti tqis li kienet għażla deliberata li jitħallew japplikaw kandidati li, għall-kuntrarju tal-atturi, ma kienx għad kellhom iċ-ċertifikazzjoni min-naħa tal-Kunsill Mediku. Minħabba li nżammu żewġ listi ta' applikanti u minħabba li l-applikanti tal-lista "ewlenija" (klawsola 4.1) kienu eliġibbli li jintgħażlu qabel ma jibdew jintgħażlu l-kandidati taħt il-klawsola 4.4, wieħed kien qed jistieden l-għali b'idejh għaliex ma kienx eskluż ukoll li kandidati taħt il-lista "sussidjarja" setgħu jtellgħu marki ogħla fl-intervista minn dawk bħall-atturi li kienu fil-lista "ewlenija", filwaqt li s-sejħa għall-applikazzjonijiet kienet għamlitha tassattiva li, jġibu kemm iġibu marki fl-intervista, il-kandidati tal-lista "ewlenija" kienu ser jintgħażlu qabel dawk tal-lista "sussidjarja". Ġara, għalhekk, li meta ħarġu r-riżultati

[52]Wade & Forsyth *op cit*, (9th Edit) pġ. 354 u 363
[53]App. Ċiv. **1.12.2006** fil-kawża fl-ismijiet ***Malta Shipyards Ltd vs General Workers' Union***
[54]Dok "GCD1" f'paġ. 119 tal-proċess

u ħareġ fid-dieher li kandidati b'marki ogħla kienu ser jibqgħu barra mill-konsiderazzjoni tal-ħatra sakemm ma jkunux intgħażlu l-atturi kollha u min daħal mal-lista tagħhom, il-KSP rat li l-prinċipju tal-mertu ma kienx ser jitħares;

"Illi l-Qorti temmen li dawn iż-żewġ raġunijiet kienu raġunijiet oġġettivament rilevanti u tajbin biżżejjed biex il-KSP setgħet fuqhom teżerċita d-diskrezzjoni tagħha li tieħu waħda mill-miżuri maħsuba fir-Regolament 17(e) bla ma b'daqshekk ikun jista' jingħad li mxiet bi ksur tal-liġi jew għal raġunijiet jew kunsiderazzjonijiet mhux rilevanti jew b'mod abbużiv;

"Illi biex ikun ingħad kollox, ladarba tqajmu l-kwestjonijiet li ssemmew, il-Ministru mħarrek jew id-Dipartiment baqa' ma semma qatt kemm kienu l-ħatriet li kien fi ħsiebu jagħmel taħt l-imsemmija sejħa. Għalkemm uħud mill-atturi jgħidu li s-soltu ma jkunx hemm anqas minn għaxar ħatriet kull sena. Dak li jista' jingħad hu li, mill-provi mressqa[55], fit-tliet (3) snin ta' qabel is-sejħa mertu ta' din il-kawża, inħatru tlettax (13), għaxar (10) u disa' (9) tobba rispettivament bħala "*general practitioner trainees*". Iżda b'danakollu lanqas jista' jingħad kemm mill-atturi, li kieku r-riżultat ma tħassarx, kienu tabilħaqq sejrin jingħataw il-ħatra, għaliex id-Direttorat baqa' ma għarrafx lill-KSP kemm kienu l-postijiet battala ladarba l-proċess kien twaqqaf;

"Illi fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet kollha, il-Qorti qiegħda tasal għall-fehma li, sa ma twaqqaf il-proċess kollu bl-ordni ta' l-Qorti fil-ħruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni mitlub mill-atturi, ma jistax jingħad li l-atturi kienu ngħataw xi ħatra dwar is-sejħa tal-applikazzjoni li huma kienu ikkonkorrew għaliha. Dan ifisser li l-**ewwel talba attriċi** tinbena fuq premessa li ma toħroġx u la mill-fatti u lanqas mid-dritt, u għalhekk ma tistax tintlaqa';

"Illi għall-finijiet tat-**tieni talba attriċi** l-Qorti ssib li l-atturi tabilħaqq issoddisfaw il-kwalifiki u l-kriterji tas-sejħa fil-kategorija tal-lista li jaqgħu taħtha. Sa hawnhekk, il-Qorti tara li t-talba tagħhom hija mistħoqqa. Iżda fejn l-istess tieni talba trid li jitqies li kienu ngħataw il-ħatra sempliċement għaliex kien ippubblikat ir-riżultat, il-Qorti tara li dan huwa konsegwenzjali għal dak li ngħad dwar l-ewwel talba u minħabba f'hekk ma huwiex mistħoqq;

"Illi għal dak li jirrigwarda t-**tielet talba attriċi**, il-Qorti tgħid li ma jistax jingħad u lanqas intwera li l-għażla tal-KSP li tħassar ir-riżultat kienet waħda lil hinn mis-setgħat tagħha, jew waħda irraġonevoli jew bi ksur tal-liġi. Minħabba f'hekk, joħroġ ukoll li l-Qorti ma tistax tilqa' r-**raba' talba attriċi**. Madankollu, minħabba l-fatt li l-kriterji tas-sejħa tfasslu b'mod li, wara l-fatt, wera li kien se' jagħti lok għal anomalija f'dak li jirrigwarda l-prinċipju tal-mertu, u minħabba l-fatt li, b'riħet dan kollu, l-atturi u l-ġejjieni professjonali tagħhom iżżeffnu fin-nofs intortament, il-Qorti sejra

[55] Dok "JC2", f'paġ. 122 tal-proċess

tirrifletti dan kollu fil-kap tal-ispejjeż;

“Illi l-**ħames talba attriċi** kif imfassla, ma setgħetx tintlaqa’ mill-Qorti fl-għamla ta’ kawża bħal dik li fetħu l-atturi. Dan jingħad lil hinn mill-fatt li din l-istess talba kienet tiddependi mis-suċċess tat-talbiet ta’ qabilha. Għalhekk lanqas din it-talba mhi sejra tintlaqa’;

“Illi s-**sitt talba attriċi** safejn trid ittenni l-effett tal-provvediment tal-Mandat ta’ Inibizzjoni b’mod permanenti wkoll ma jidhirx li tista’ tintlaqa’ kif magħmula. Dan jingħad mhux biss għaliex ma jirriżultax li l-atturi kienu waslu fi stat li ngħataw ħatra, iżda wkoll għaliex talba biex l-effetti ta’ Mandat ta’ Inibizzjoni jinżammu għal dejjem mhijiex waħda li tista’ ssir ladarba l-effetti ta’ Mandat ta’ Inibzzjoni huma limitati għaż-żmien meħtieġ sakemm jiġi meqjus id-dritt sostantiv li b’ħarsien tiegħu jkun inħareġ tali Mandat[56] u talba mod ieħor tista’ twassal biex att ġudizzjarju li jkun nieqes mit-talba għad-dritt imsemmi fil-Mandat jitqies bħala att li ma jiswiex[57];

“Illi għar-rigward tat-**talbiet l-oħrajn attriċi** isegwi li ladarba huma konsegwenzjali għat-talbiet ta’ qabilhom li mhumiex sejrin jintlaqgħu, ma hemmx raġuni għalfejn il-Qorti tqishom u mhijiex sejra tidħol fihom, kemm għaliex l-atturi ma ressqu l-ebda provi fir-rigward u kif ukoll biex tħalli l-kwestjoni impreġudikata f’każ li l-atturi, kif għamlu bir-riżerva espressa tagħhom, jagħżlu li jieħdu l-passi xierqa fi proċeduri oħra f’dan ir-rigward;

“Illi fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn magħmula, il-Qorti qiegħda tilqa’ l-**eċċezzjonijiet fil-mertu** tal-imħarrkin safejn jindirizzaw it-talbiet attriċi;

## L-Appell

9. Fir-rikors tal-appell taghhom l-atturi, fost affarijiet ohra, jilmentaw illi galadarba r-rizultat tal-gradwatorja gie ippubblikat, dan ghandu jitqies bhala r-rizultat finali b’konsegwenza li huma ghandhom jitqiesu *de facto* nghataw il-hatra ta’ *General Practioner Trainees*. Jilmentaw ukoll illi tenut kont tal-principju ta’ ragonevolezza, il-KSP zbaljat meta annullat process finalizzat u dan stante illi d-decizjoni ttiehdet fuq

[56] App. Ċiv **7.10.1997** fil-kawża fl-ismijiet ***Galea et vs Gauċi*** (Kollez. Vol: **LXXXI.ii.719**)
[57] App. Ċiv. **14.1.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Lawrence Tabone pro et noe vs Raymond Tabone***

konsiderazzjonijiet zbaljati dovuti ghal pressjoni mhux xierqa minn terzi.

10. Fir-risposta tal-appell taghhom l-konvenuti issottomettew fost affarijiet ohra illi l-ewwel Qorti kienet korretta meta cahdet it-talbiet kollha attrici ghaliex mhux misthoqqa fil-fatt u fid-dritt u laqghet l-eccezzjonijiet fil-mertu tal-konvenuti.

**L-Aggravju**

11. L-aggravju tal-atturi huwa principalment bazat fuq is-segwenti konsiderazzjonijiet: [a] li mal-pubblikazzjoni tar-rizultat tal-ghazla huma kienu *de facto* mahtura ghall-Post, [b] li bl-azzjoni tal-KSP huma kienu qeghdin jigu pinguti bhala persuni mhux kompetenti sabiex jaghtu s-servizz mehtieg lill-pazjenti, [c] li l-KSP ezercitat id-diskrezzjoni taghha mhux konformi mal-principju tar-ragjonevolezza, [d] li d-diskrezzjoni tal-KSP kienet vizzjata minn pressjoni li holqot biza' ta' azzjoni industrijali da parti tal-M.A.M. u [e] li mhux minnu li kien hemm ksur tal-ftehim settorali u li s-sitwazzjoni kif zvolgiet wara l-intervisti fis-sens li applikanti indikati fil-lista 4.4 gabu aktar punti minn uhud mill-applikanti indikati fil-lista 4.1 setghet tigi anticipata qabel ma saru l-intervisti.

12. Rigward l-ewwel parti tal-aggravju, l-atturi jissottomettu fl-ewwel lok li, galadarba r-rizultat tal-gradwatorja kien gie ppubblikat, dan

ghandu jitqies bhala r-rizultat finali b'konsegwenza li huma kienu *de facto* nghataw il-hatra ta' *General Practioner Trainees*. Il-process kien gie terminat bil-pubblikazzjoni tar-rizultat u kull ma kien jonqos sabiex l-atturi jibdew l-impieg taghhom "… [kien] process burokratiku li bl-ebda mod ma jbiddel il-gradwatorja ottenuta u ippubblikata, fejn in-numru ta' *posts* jigu konfermati …… ikun hemm il-*financial approval* u sussegwentement jigu iffirmati l-appointment letters mill-Ministru koncernat. Illi ovvjament skont kemm ikun jehtiegu kandidati ghal kull post partikolari jibdew jahdmu tobba skont il-gradwatorja".[58]

13. Jghidu li kif konfermat minn Dr Joyce Cassar in rapprezentanza tal-Ministeru, il-process ta' wara l-pubblikazzjoni ma jbiddel xejn mill-gradwatorja u din is-sena kienu ser jigu impjegati 9 jew 10 tobba godda. L-atturi, li huma sebgha b'kollox, kienu jifformaw parti mil-lista 4.1 tas-sejha ghall-applikazzjonijiet u ghalhekk dawn kellhom jinghataw il-hatra qabel kandidati indikati fil-lista l-ohra.

14. Huma jkomplu jispjegaw hekk dan l-aggravju:

> "… … … Illi in oltre l-esponenti jhossuhom aggravati wkoll stante illi l-Artikolu I7(e)(iii) tar-Regolamenti tal-Kummissjoni Dwar is-Servizz Pubbliku huwa applikabbli biss qabel ma r-rizultat tal-intervisti jigi ppubblikat u mhux wara. Hija il-KSP li trid tipubblika r-rizultati u ghalhekk il-KSP qabel issir tali pubblikazzjoni, ikollha f'idejha l-informazzjoni kollha mehtiega sabiex tissindika jekk ir-rizultati tal-ghazla kienux jirrispekkjaw il-principju tal-mertu. Illi qabel issir din il-pubblikazzjoni, il-KSP bir-rizultat f'idejja, ghandha d-diskrezzjoni illi

[58] Rikors tal-appell – Fol. 197.

taghzel li thassar tali rizultat jekk thoss li dan ikun xieraq. Illi wara l-pubblikazzjoni, bhal fil-kaz odjern, il-gradwatorja ottenuta tkun finali u l-KSP tkun marbuta illi taderixxi ma' tali rizultati.

"… … … Illi dan johrog car jekk wiehed jaqra l-Artikolu 17 fl-intier tieghu, li kollu kemm hu jikkoncerna l-process tal-ghazla. Illi intervent da parti tal-KSP ai termini tal-Artikolu I7(e) jista' biss issir waqt li l-process tal-ghazla jkun ghadu ghaddej. Sussegwenti ghall-pubblikazzjoni tar-rizultati l-process tal-ghazla ikun maghluq, il-kanditati jkunu intghazlu u l-hatriet ikunu de facto inghataw. Illi ghalhekk johrog car illi l-Artikolu I7(e)(iii) ghandu jigi interpretat fil-kuntest tal-Artikolu 17 kollu u b'dan m'huwiex applikabbli jekk il-process tal-ghazla jkun maghluq, ossija wara l-pubblikazzjoni tar-rizultati. Illi dan johrog aktar car mill-fatt illi l-Artikolu 17(e)(iv) stess jistipula illi ghar-revoka ta' appuntament, bhal fil-kaz odjern, tal-Artikolu 23(2) huwa applikabbli."

15. L-atturi jkomplu jissottomettu li

"Id-Dipartiment tas-Sahha dahal f' rabta kuntrattwali mal-kandidati kollha li applikaw ai termini tal-kundizzjonijiet kif stipulati fl-istess Gazzetta tal-Gvern u huma dawk il-kriterji li ghandhom jigu segwiti u xejn aktar."

16. Fit-tieni lok, l-atturi jhossuhom aggravati wkoll minhabba l-fatt li, skont huma, qed jigu mpingijjin bhala persuni li ma humiex kompetenti sabiex jaghtu s-servizz mehtieg lill-pazjenti. Jghidu wkoll illi huma xorta kienu jimmeritaw il-hatra qabel l-ohrajn in vista tal-esperjenza taghhom ta' diversi snin jahdmu bhala tobba ghall-kuntrarju ta' dawk indikati fit-tieni lista li ma kellhomx dik l-esperjenza, stante li kienu ghadhom ser jispiccaw it-tieni sena taghhom bhala tobba u ghalhekk ma kienux ghadhom ottjenew il-warrant sabiex jahdmu bhala tobba u lanqas ma kienu spiccaw il-*Foundation Programme*.

17. Ikomplu jispejgaw hekk dan l-aggravju:

"Illi l-esponenti ghalhekk ihossuhom aggravati wkoll minhabba l-fatt li gie evokat il-principju tal-mertu, anki ai termini tal-Artikolu I2 (b) tar-regolamenti, sabiex isiru hatriet, kellhom jittiehdu in konsiderazzjoni l-mertu, esperjenza u kwalifiki u b'dan il-kandidati maghzula ai termini tal-klawzola 4.1 tal-call for applications xorta wahda kienu jimmeritaw illi jinghataw il-hatriet in kwistjoni qabel dawk tal-lista 4.4 gia la darba kellhom aktar esperjenza u aktar kwalifiki mit-tobba l-ohrajn u ghalhekk m'huwiex minnu li l-qsim tal-kandidati f'zewg listi separati ma kienx jirispekkja l-principju tal-mertu, anzi effetivament il-principju tal-mertu kien aktar rispekkjat fil-qsim tal-kandidati skont il-kwalifiki u l-esperjenza. Apparti minn hekk l-appellanti u l-atturi l-ohra fil-kawza huma lkoll jew persuni li gia qeghdin jahdmu bhala general practitioners imma fis-settur privat, jew inkella fl-isptar Mater Dei bhala Basic Specialist Trainees f'oqsma differenti li hija pozizzjoni tal-istess gerarkija."

18. Fit-tielet lok, l-atturi jilmentaw ukoll illi anke jekk *dato non concesso* l-KSP kellha dritt thassar ir-rizultat, id-diskrezzjoni taghha xorta hija marbuta mal-principju ta' ragonevolezza. Jghidu li anke permezz taz-zewg listi, il-principju tal-mertu xorta gie milhuq u ghalhekk il-KSP kienet skorretta u mhux oggettivament ragonevoli meta iddecidiet li thassar ir-rizultat in kwistjoni.

19. Fir-raba' lok, jissottomettu li d-decizjoni tal-KSP kienet ir-rizultat ta' biza' ta' azzjoni industrijali da parti tal-M.A.M li ghamlet pressjoni mhux misthoqqa fuq l-istess KSP u li wasslitha sabiex tiehu d-decizjoni li thassar ir-rizutlat tal-ghazla. Jghidu li l-M.A.M kellha l-opportunita` li toggezzjona ghall-mod kif saret is-sejha ghall-applikazzjoni b'zewg listi separati qabel il-pubblikazzjoni tar-rizultat sa mid-9 ta' Mejju 2014. Isostnu li pressjoni da parti tal-M.A.M li tirraprezenta t-tobba kollha f'Malta hija aktar effettiva biex tinfluwenza l-mod kif il-KSP tezercita d-

diskrezzjoni taghha minn l-ilmenti da parti ta' seba' tobba zghazagh u ghalhekk l-annullament tal-process tal-ghazla kien wiehed abbuziv ghaliex sar fuq pressjoni mhux misthoqqa.

20. Fil-hames lok, l-atturi jghidu li din il-pressjoni da parti tal-M.A.M. kienet ibbazata fuq *sectoral agreement* li effettivament ma jipprojbixxix il-hrug ta' zewg listi separati. Dan apparti li l-M.A.M. kellha cans ta' xhur shah taccerta ruhha mill-adezjoni ma' dan il-ftehim. Jghidu li madanakollu s-sitwazzjoni setghet tigi anticipata qabel ma saru l-intervisti in kwistjoni u ghalhekk il-konvenuti ma jistghux issa jippretendu li jistghu jbiddlu mohhom u jippregudikaw il-pozizzjoni ottjenuta mill-atturi.

21. Jghidu li tkun qed issir ingustizzja jekk ir-rizultat ippubblikat ma jigix segwit. Ir-regoli stipulati f'sejha ghal applikazzjonijiet tohloq rabta insindakabbli u kwazi kuntrattwali u ma jistghux jigu mibdula la mill-KSP u lanqas mill-Ministeru.

22. Fir-risposta taghhom il-konvenuti issollevaw is-segwenti osservazzjonijiet:

23. L-ewwel aggravju huwa ghal kollox infondat. Ibda biex, l-ewwel Qorti qieset bir-reqqa l-fatti kollha tal-kaz u iddecidiet gustament

dwarhom, u ghalhekk id-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti ma tigix iddisturbata sakemm ma jkunx hemm ragunijiet gravi, liema ragunijiet f'dan il-kaz ma jissussistux. M'huwiex minnu illi l-ewwel Qorti qieset il-fatti hazin jew adirittura skartathom u kienet gusta meta, fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet fattwali u legali minnha enuncjati, waslet ghall-konkluzjonijiet li waslet ghalihom.

24. Il-konvenuti jkomplu billi jelenkaw is-sekwenza tal-fatti illi irrizultaw mill-provi u jghidu li l-ewwel argument tal-M.A.M. kien fis-sens li l-kandidati fil-lista 4.1, li l-maggoranza taghhom gabu marki sostanzjalment inferjuri minn kandidati ohra fil-lista 4.4, kienu se jinghataw precedenza fl-ghazla ghall-unika raguni li kienu gabu l-warrant qabel l-ohrajn u mhux ghax huma meqjusa bhala kandidati ahjar. Skont il-M.A.M. dan ma kienx jirrispetta l-ftehim settorali. Kien ghalhekk li l-KSP ikkancellat is-sejha u iddecidiet li ghandha tigi pubblikata sejha ohra li tirrifletti l-ftehim settorali.

25. Jghidu li l-Qorti irriteniet tajjeb meta osservat li hemm distinzjoni netta bejn l-istadju tal-process tal-ghazla u dak ta' meta persuna tinghata l-hatra. Ghalhekk l-aggravju tal-atturi li bih jibqghu jinsistu li ghandhom jitqiesu li nghataw il-hatra huwa ghal kollox infondat in kwantu huwa manifest li huma qatt ma gew mahtura fil-kariga in kwistjoni.

26. Minn barra dan, it-tezi tal-atturi illi r-regolament applikabbli huwa r-regolament 23(2) u mhux ir-regolament 17(e)(iii) hija zbaljata ghax kif tajjeb osservat l-ewwel Qorti, jekk inhu minnu li l-KSP hassret ir-rizultat minhabba li qieset li ma kienx ihares il-principju tal-mertu, dan kien jaqa' taht is-setghat moghtija lilha bl-istess regolament 17(e).

27. Illi ma huwiex minnu li l-atturi qeghdin jigu mpingija bhala persuni li ma humiex kompetenti sabiex jaghtu s-servizz mehtieg jew li ma ghandhomx il-kwalifiki mehtiega. Kieku dan kien minnu, l-atturi kienu jkunu ineligibbli ghas-sejha. Il-pozizzjoni tal-konvenuti hija illi, filwaqt li l-atturi huma eligibbli ghas-sejha, ghandhom jikkonkorru ghall-postijiet vakanti flimkien ma' ohrajn skont il-principju tal-mertu.

28. Dwar il-principju ta' ragonevolezza, il-konvenuti jissottomettu illi l-ewwel Qorti waslet ghall-konkluzjoni li tnejn kienu r-ragunijiet li wasslu lill-KSP sabiex din tikkancella r-rizultat in kwistjoni: il-pressjoni li saret mill-M.A.M. fuq il-fatt illi l-kriterju taz-zewg listi separati jmur kontra l-ftehim settorali u l-fatt illi z-zamma tal-kriterji tas-sejha wassal ghal rizultat anomalu billi kandidati li gabu marki oghla minn dawk tal-atturi ma kienux ser jintghazlu qabel ma jintaghzlu l-atturi kollha li setghu gabu marka inqas.

29. Dwar l-ewwel decizjoni jghidu li hija prattika mhux kontestata li l-ftehim settorali milhuq bejn min ihaddem u l-Union jivvinkola s-settur kollu bl-inkluzjoni ta' individwi professjonisti f'dan is-settur anke jekk dawn ma jkunux membri tal-Union, u ghalhekk anke l-atturi u konvenuti. Il-KSP qieset li r-rapprezentazzjonijiet maghmula mill-M.A.M. kienu wassluha biex taccetta li l-process ma kienx ser ihares il-principju tal-mertu abbazi tal-ftehim settorali. Ghalhekk id-decizjoni tal-Kummissjoni kienet wahda oggettiva, gusta u fil-parametri tal-poteri li taghtiha l-Ligi.

30. Jghidu illi l-fatt li tali sitwazzjoni setghet tigi anticipata qabel, ma jnaqqas xejn mill-fatt li meta ttiehdet id-decizjoni da parti tal-Kummissjoni sabiex jithassar ir-rizultat, tali decizjoni kienet oggettivament ragjonevoli u gusta skont il-ligi u ghalhekk ma tistax isservi ta' bazi ghall-pretensjonijiet tal-atturi msejsa fuq l-Artikolu 469A tal-Kap 12. Jghidu wkoll, fost affarijiet ohra, illi l-aggravju fis-sens illi l-agir tal-konvenuti "ma jaghmilx sens" mhux biss huwa infondat izda huwa wkoll vessatorju.

31. L-ewwel Qorti gustament iddecidiet illi ma jistax jinghad li l-atturi qatt inghataw il-hatra u allura l-istess Qorti kienet ampjament korretta meta iddecidiet li tichad it-talbiet attrici fl-intier taghhom, inkluz it-talba sabiex l-effetti tal-Mandat ta' Inibizzjoni inkwistjoni jinzammu permanentement.

32. Dwar it-talba ghad-danni, jissottomettu li f'kull kaz huma m'humiex responsabbli ghal ebda danni u kull pretensjoni ta' allegati danni hija insostenibbli.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

33. Jigi osservat li fl-ewwel parti tal-aggravju l-atturi jilmentaw li, skont huma, l-ewwel Qorti ma qisietx li huma kienu nghataw il-hatra ta' *General Practioner Trainees* meta *de facto* gew maghzula ghall-hatra in kwistjoni u kien jonqos biss ftit formalitajiet burokratici li ma kinux ser ibiddlu l-gradwatorja. L-ewwel Qorti ikkonkludiet illi "*sa ma twaqqaf il-process kollu bl-ordni tal-Qorti fil-hrug tal-Mandat ta' Inibizzjoni mitlub mill-atturi, ma jistax jinghad li l-atturi kienu nghataw xi hatra dwar is-sejha tal-applikazzjoni li huma kienu ikkonkorrew ghaliha*".[59]

34. Din il-Qorti tikkondividi l-hsieb tal-ewwel Qorti in kwantu l-process tal-ghazla u l-hatra ghall-kariga in kwistjoni huma zewg stadji differenti ta' process wiehed u l-pubblikazzjoni tar-rizultat ma jwassalx awtomatikament ghall-hatra tal-istess partecipanti.

35. Din id-distinzjoni bejn iz-zewg stadji tohrog mir-Regolamenti stess, in kwantu regolament[60] numru 17 (e) jaghti *espressis verbis* il-fakolta` lill-KSP sabiex din tannulla <u>rizultat tal-ghazla</u>, filwaqt li r-regolament numru 23 [2] jikkontempla l-kazijiet fejn il-KSP tista'

[59]Pg 22 tas-sentenza.
[60] Citat fis-sentenza appellata

tirrakkomanda r-revoka ta' hatra. Inoltre, l-istess regolament 17 fil-paragrafi [iii] u [iv] jaghmel din id-distinzjoni bejn dawn iz-zewg stadji tal-process: l-ewwel stadju huwa dak ta' qabel il-hatra izda wara il-hrug tar-rizultat tal-ghazla, filwaqt li t-tieni stadju huwa dak ta' wara il-hatra. Ghall-ewwel huwa applikabbli l-paragrafu [iii] filwaqt li ghat-tieni huma applikabbli l-paragrafu [iv] tal-istess regolament kif ukoll ir-regolament numru 23[2] citat mill-konvenuti. Ir-regolamenti fuq imsemmija jaqraw hekk:

36. Regolament 17:

> "Fejn il-Kummissjoni ssib li hemm ksur tad-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti jew xi direttivi u linji gwida applikabbli, jew fejn il-Kummissjoni ssib li process tal-ghazla ma sarx skont il-principju tal-mertu, tista' tiehu tali azzjoni kif jidhrilha li hu xieraq bhala rimedju, inkluz[61]:
>
> …………
>
> (iii) l-annullament ta' rizultat tal-ghazla;
>
> (iv) il-hrug ta' rakkomandazzjoni lill-Prim Ministru ghar-revoka ta' hatra, suggett ghar-regolament 23(2), u (v) il-hrug ta' rakkomandazzjonijiet lill-Prim Ministru jew lil awtoritajiet ohra kif xieraq, biex jittiehdu passi dixxiplinari jew kriminali kif jidhrilha xieraq fic-cirkostanzi.'

37. Regolament 23 [2]:

> "(2) Minkejja kull dispozizzjoni ohra f'dawn ir-regolamenti jew xi regolamenti ohra maghmula taht l-Artikolu 121 tal-Kostituzzjoni, il-Kummissjoni tista' tirrakkomanda r-revoka ta' hatra [62]maghmula skont l-Artikolu 110 tal-Kostituzzjoni jekk -
>
> "(a) il-hatra manifestament ma kenitx konformi mal-principju tal-

[61] Sottolinear ta'din il-Qorti
[62] Sottolinear ta' din il-Qorti

mertu; jew

“(b) il-persuna mahtura manifestament ma kinitx tissodisfa r-rekwiziti ta’ eligibbiltà li kienu japplikaw ghall-kariga li ghaliha nhatret; jew

“(c) il-persuna kisbet il-hatra abbazi ta’ frodi jew misrapprezentazzjoni; jew

(d) il-persuna mahtura mhix, jew m’ghadhiex aktar, permessa bil-ligi li twettaq id-dmirijiet tal-kariga taghha, jew m’ghadx ghandha l-kwalifiki li kienuji kkostitwixxu r-rekwiziti tal-eligibilità ghall-kariga; jew

(e) il-persuna mahtura m’ghadhiex kapaci li twettaq id-dmirijiet tal-post minhabba dizabilità fizika jew mentali, u mhuwiex possibbli li tinghata akkomodazzjoni ragonevoli biex tkun tista’ taqdi dmirijietha minkejja l-kundizzjoni taghha; jew

(f) johorgu ragunijiet serji hafna li kienu jwasslu lill-Kummissjoni li tiskwalifika lill-persuna milli tigi meqjusa ghall-kariga, li kieku l-process tal-ghazla ma giex konkluz.

38. Il-Qorti tosserva li, ghalkemm l-atturi jsostnu li wara l-pubblikazzjoni tar-rizultat tal-ghazla l-KSP ma setghetx twaqqaf il-process tal-hatra ghax kull ma kien jonqos wara l-pubblikazzjoni kienu biss formalitajiet “buroktratici”, din it-tezi ma tirrizultax mir-Regolamenti, anzi tmur kontra dak espressament kontemplat fir-regolament 17 [e] [iii] li jaghti lill-KSP il-fakolta` li tannulla rizultat tal-ghazla. Imkien ma jirrizulta li din il-fakolta` hija ristretta ghall-istadju ta’ qabel il-pubblikazzjoni. *Quod lex voluit lex dixit* u ladarba l-ligi ma taghmilx tali distinzjoni din id-distinzjoni mhux permessa li ssir. Fi kliem iehor din it-tezi tal-konvenuti ma ssibx sostenn fil-ligi anzi hija kontradetta mill-istess dispozizzjonijiet tal-ligi u anke mill-fatt provat li ma kienx ghadu gie

stabbilit kemm fil-fatt kien hemm postijiet vakanti u kemm kienu fil-fatt ser jinhatru tobba; *multo magis* ma jistax logikament jigi sottomess li l-pubblikazzjoni tekwivali ghall-hatra.

39. Dan jinsab rikonoxxut anke mill-istess atturi meta fl-aggravju taghhom jghidu li dak li sehh sal-mument tat-thassir tar-rizultat tal-ghazla kien biss il-pubblikazzjoni tal-gradwatorja u minn dak il-mument kienu jonqsu bosta passi sakemm ikun hemm il-hatra effettiva, fosthom l-iffirmar tal-ittri tal-hatra mill-Ministru koncernat. Dan kollu juri li ghal kuntrarju ta' dak sottomess mill-atturi, il-pubblikazzjoni tar-rizultati u l-hatra tat-tobba maghzulin huma zewg stadji differenti tal-istess process li jintemm jew bil-hatra jew bl-applikazzjoni tar-regolament 17 [e] [iii]. Il-pubblikazzjoni tar-rizultat tal-gradwatorja ma jaghtix jedd awtomatiku ghall-hatra ta' *General Practioner Trainees*, wisq inqas johloq xi rabta kwazi-kuntrattwali bejn l-atturi u l-konvenuti kif qeghdin jippretendu l-atturi. Tassew li post gholi fil-gradwatorja jista' jkun indikattiv ta' hatra eventwali, izda ghandu jkun car li ma jfissirx li awtomatikament wiehed ikun inghata l-hatra ta' ufficjal pubbliku mid-data tal-pubblikazzjoni tar-rizultat.

40. Rigward it-tieni parti tal-aggravju, din il-Qorti tosserva li ma taqbilx li bir-revoka tal-rizultat tal-ghazla l-atturi gew b'xi mod impengijin bhala persuni li ma humiex kompetenti sabiex jaghtu s-servizz mehtieg lill-

pazjenti. Li kieku dan kien il-kaz, allura r-rekwiziti tas-sejha kienu jeskluduhom direttament milli jippartecipaw fis-selezzjoni. Tali eskluzjoni mill-process tal-ghazla setghet tindika li ma kellhomx il-kompetenza necessarja biex jaqdu d-dmirijiet rikjesti mill-hatra in kwistjoni. Izda dan ma huwiex il-kaz u f'ebda hin ma tqajjmet xi kwistjoni dwar il-kompetenza tal-atturi. Din il-Qorti verament ma tistax tara kif il-fatt li thassar ir-rizultat tal-ghazla biex jigu eliminati z-zewg listi mahluqa fis-sejha ta' applikazzjoni sabiex, minflok, ikun hemm lista wahda li t-tobba kollha jikkonkorru flimkien ghall-hatra, jista' b'xi mod jirrifletti negattivament fuq l-atturi. Jekk dawn verament ihossu li huma aktar kwalifikati ghall-post mit-tobba indikati fit-tieni lista allura din il-Qorti ma tifhimx il-preokkupazzjoni taghhom li issir ghazla gdida ghat-tobba kollha minghajr distinzjoni.

41. Il-premess qed jinghad ghall-finijiet ta' kompletezza mhux ghax huwa daqshekk relevanti ghall-mertu tal-proceduri odjerni, ghax il-kwistjoni tal-mertu torbot mal-fatt illi l-process kif gie mhaddan jaghti l-lok li kandidati b'marki oghla kienu ser jibqghu barra mill-possibbilita` ta' hatra sakemm jigu mahtura l-kandidati kollha taht il-lista li tahtha jaqghu l-atturi u tobba ohra bhalhom, b'jekk ma jkunx gie osservat il-principju tal-mertu.

42. Stabbilit illi l-atturi ma kinux ghadhom inghataw il-hatra ghall-post

imsemmi u stabbilit ukoll il-fatt illi xejn f'dawn il-proceduri ma qieghed ipingihom bhala persuni li ma humiex kompetenti sabiex jaghtu s-servizz mehtieg lill-pazjenti, imiss issa li jigi sindakat jekk id-decizjoni tat-thassir tar-rizultat tal-ghazla, kinitx dettata mir-ragonevolezza, jew jekk, kif sostnut mill-atturi, kinitx biss reazzjoni ghal pressjoni indebita ezercitata mill-M.A.M. fuq il-KSP. Dan jifforma l-mertu tat-tielet u tar-raba' parti tal-aggravju.

43. Fir-rigward tal-principju tar-ragjonevolezza fl-ezercizju ta' diskrezzjoni da parti ta' awtorita` amministrattiva, din il-Qorti filwaqt li taghmel referenza ghall-gurisprudenza patria citata mill-ewwel Qorti fis-sentenza appellata, taghmel ukoll referenza ghall-osservazzjonijiet legali maghmula fis-sentenza fil-kawza Prim'Awla **Mario Debono et v. Tabib Principali tal-Gvern et**[63] li fiha dik il-Qorti iccitat is-segwenti brani:

> "Lord Greene MR fil-kawza "Associated Provincial Picture Houses Ltd vs Wednesbury Corporation" (1948) 1 KB 223 at 229 jghid hekk - "It is true that discretion must be exercised reasonably. Now what does that mean? Lawyers familiar with the phraseology used in relation to exercise statutory discretions often use the word 'unreasonable' in a rather comprehensive sense. It has frequently been used and is frequently used as a general description of the things that must not be done. For instance, a person entrusted with a discretion must, so to speak, direct himself properly in law. He must call his own attention to matters which is bound to consider. He must exclude from his consideration matters which are irrelevant to what he has to consider. If he does not obey those rules, he may truly be said and often is said to be acting unreasonably."
>
> "L-awturi "Wade & Forsyth" – "Administrative Law" (Tenth Edition –

[63] Deciza 9 Gunju 2011

> Oxford University Press – 2009 – pg. 305) jghidu hekk - ""Reasonableness does not require reasons to be stated. The only significance of withholding reasons is that if facts point overwhelmingly to one conclusion the decisionmaker cannot complain if he is held to have had no rational reason for deciding differently and that in the absence of reasons he is in danger of being held to have acted arbitrarily."

44. Mill-atti jirrizulta illi dak li ta lok ghad-decizjoni tal-Kummissjoni li tannulla r-rizultat tal-ghazla kien li wara li, nhareg ir-rizultat, bdew jitressqu rapprezentazzjonijiet kemm mill-M.A.M. kif ukoll mit-tmexxija tal-Isptar Mater Dei li r-rizultat kif ippubblikat, kien juri li ma kienux sejrin jintghazlu l-ewwel dawk li haqqhom l-aktar abbazi tal-punteggi ottenuti. Dan minhabba li whud mill-applikanti indikati fil-lista 4.4, kienu gabu punteggi oghla minn applikanti ohra indikati fil-lista 4.1, izda minhabba d-distinzjoni bejn iz-zewg hekk imsejha 'kategoriji' ta' applikanti, dawk li jaqghu taht il-lista 4.1 kellhom jinghataw precedenza fuq dawk li jaqghu taht il-lista 4.4 minkejja li gabu punteggi aktar baxxi.

45. Kif tajjeb irriteniet l-ewwel Qorti, l-argumenti mqajma mill-M.A.M. u mit-tmexxija tal-isptar Mater Dei ma kellhomx x'jaqsmu mal-evalwazzjonijiet maghmula mill-Bord tal-Ghazla, izda kienu biss konsegwenza tal-firda li kienet saret fis-sejha ghall-applikazzjonijiet bejn dawk indikati fil-lista 4.1 u dawk li jikkwalifikaw taht il-paragrafu 4.4. Dan kien imur ukoll kontra dak ipprovdut fil-ftehim settorali li jorbot lill-partijiet kollha.

46. Kif tajjeb irriteniet l-ewwel Qorti, taht il-Ligi Maltija ftehim settorali, bhal ftehim kollettiv, ghandu s-sahha ta’ Ligi bejn il-partijiet u jorbot lil min jaqa’ tahtu, b’dan illi parti tista’ tmexxi kontra parti ohra f’kaz ta’ nuqqas ta’ aderenza mieghu. Fil-kaz *de quo*, anke abbazi tal-estratt mill-istess ftehim - Dok GCD1[64] - ipprezentat fl-atti, jirrizulta car illi l-process tal-ghazla kellu jaghti precedenza lil *“relevant qualifications and meritorious performance before seniority.”* Ix-xhud li ipprezenta dan id-dokument il-Kirurgu Gordon Caruana Dingli li hu wkoll il-President tal-Medical Association ikkumenta dwar ir-rizultat tal-ghazla bazat fuq zewg kategoriji separati:

> “Din ghalina rajnieha xi haga perversa li xi hadd kien qed jiehu vantagg pervers, semplicement ghax ghamel aktar zmien mindu lahaq tabib. Mhux bilfors dawk is-sentejn, tlett snin jew erba’ snin kienu ta’ kwalita` ghall-interview u fil-fatt fl-interviews ukoll, jinghataw punti ghall-esperjenza. Jigifieri dawn ikunu sarrfuhom darbtejn dawn l-esperjenzi.”[65]

47. Fil-mertu kwindi, il-ftehim settorali jimmina l-argument tal-atturi illi dawk bhalhom eligibbli skont il-lista 4.1 xorta wahda kien haqqhom jottjenu l-hatra qabel dawk indikati fil-lista 4.4 ghax, indipendentement mill-punteggi, jsostnu li huma kellhom kwalifiki u esperjenza izjed minn dawk li kienu eligibbli taht il-lista 4.4. Il-Qorti tosserva li l-puntegg huwa dak li jistabbilixxi il-mertu, u huwa ghalhekk li kwalsiasi prijorita` li tinghata lis-*seniority* imur kontra dak stabbilit fl-istess ftehim. Dak li jmur kontra dan il-ftehim hija l-prijorita` li tinghata lis-snin a skapitu tal-mertu

---

[64]Fol. 119
[65] Fol.135

u hija din is-sitwazzjoni li l-Kummissjoni, abbazi tar-rapprezentazzjonijiet tal-M.A.M., hasset li kellha tirratifika.

48. Kien abbazi ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, illi fil-5 ta' Awwissu, 2014, il-Kummissjoni hassret ir-rizultat tas-sejha u ordnat li ssir sejha gdida. Din il-Qorti ma tistax hlief taqbel mar-rimarki tal-ewwel Qorti dwar it-tardivita` li biha l-M.A.M. ressqet l-ilment taghha. Taqbel ukoll mas-sottomissjoni tal-atturi fir-rikors tal-appell taghhom illi tali sitwazzjoni setghet giet anticipata qabel ma saru l-intervisti u qabel ma gew ippubblikati r-rizultati. Madanakollu, jibqa' l-fatt illi l-konsiderazzjonijiet imressqa mill-M.A.M. kienu tassew gustifikati in kwantu l-principju tal-mertu ma kienx ser jigi aderit bil-process kif inbeda, u mkien mill-provi ma irrizulta li kien hemm xi pressjoni indebita u abbuziva kif itennu l-atturi. Anzi fic-cirkostanzi jirrizulta li kien biss bit-thassir tar-rizultat tal-ghazla u bl-eliminazzjoni ta' zewg listi diskriminatorji li l-principju tal-mertu seta' jigi applikat korrettament fir-rigward ta' kulhadd.

49. Dawn il-konsiderazzjonijiet jdghajjfu l-allegazzjoni tal-atturi li l-KSP agixxiet minhabba biza' ta' azzjoni industrijali da parti tal-M.A.M. Il-provi juru li l-KSP hadet azzjoni abbazi ta' fatturi oggettivi u konsiderazzjonijiet dwar mertu mqajjma mill-M.A.M liema konsiderazzjonijiet kienu tassew fondati tenut kont tal-fatt li bil-holqien

ta' zewg listi, b'wahda tiehu precedenza fuq l-ohra, kienu ser isiru hatriet li jmorru tassew kontra l-principju tal-mertu u kontra l-ftehim settorali li jorbot il-partijiet kollha in kwistjoni.

50. Ghaldaqstant l-aggravju huwa infondat fit-totalita` tieghu u qed jigi michud.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier taghha.

L-ispejjez tal-ewwel istanza jibqghu kif decizi, filwaqt li dawk tal-appell odjern jkunu kollha a kariku tal-atturi.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imhallef | Noel Cuschieri<br>Imhallef |

Deputat Registratur
df